ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA

ARRANĠAMENT TAL-ATT

		Artikoli
Taqsima I	Preliminari u Ġenerali	1 - 2
Taqsima II	Prinċipji ta' Tmexxija	3 - 4
Taqsima III	Twaqqif, Funzjonijiet u Tmexxija tax-Xogħol tal-Awtorità	5 - 16
Taqsima IV	Uffiċjali u Impjegati tal-Awtorità	17 - 23
Taqsima V	Disposizzjonijiet Finanzjarji	24 - 35
Taqsima VI	Trasferiment ta' Ċerti Assi lill-Awtorità	36 - 38
Taqsima VII	Kumitati ta' Tmexxija	39
Taqsima VIII	Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva	40
Taqsima IX	Mixxellanji	41 - 53

SKEDI

L-Ewwel Skeda	Direttorati
It-Tieni Skeda	Liġijiet
It-Tielet Skeda	Emendi ta' Liġijiet

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) GEORGE ABELA
President

31 ta' Lulju, 2009

ATT Nru. XV ta' l-2009

ATT biex jipprovdi għat-twaqqif ta' korp magħqud li jkun magħruf bħala l-Awtorità għat-Trasport f'Malta li għandha tassumi l-funzjonijiet li qabel kienu jeżerċitaw l-Awtorità Marittima ta' Malta, l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta u d-Direttur u d-Direttorat tal-Avjazzjoni Ċivili u għall-eżerċizzju minn u f'isem dik l-Awtorità tal-funzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mat-toroq, mat-trasport bl-ajru, ferroviji, trasport stradali, jew baħar miftuħ, fil-portijiet jew ibħra interni, u li għandhom x'jaqsmu mal-bastimenti merkantili; biex jipprovdi għat-trasferiment ta' ċerti assi lill-Awtorità mwaqqfa bl-Att; u biex jipprovdi dwar ħwejjeġ anċillari ma' dawn jew konnessi magħhom.

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

TAQSIMA I

PRELIMINARI U ĠENERALI

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2009 dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti jew għal finijiet differenti ta' dan l-Att.

2. F'dan l-Att, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, il-frażijiet li ġejjin għandhom it-tifsira li qed tingħatalhom hawnhekk: Tifsir.

"ajrudrom" jew "ajruport" tfisser kull wesgħa ta' art jew baħar maħsuba, mgħammra, imqiegħda apparti jew użata ta' kuljum biex tipprovdi faċilitajiet għall-inżul u t-tluq ta' inġenji tal-ajru u tinkludi kull wesgħa jew spazju, kemm fuq l-art, fuq is-saqaf ta' bini jew x'imkien ieħor, li jkun maħsub mgħammar, jew imqiegħed apparti biex jipprovdi faċilitajiet għall-inżul u t-tluq ta' inġenji tal-ajru li kapaċi jinżlu jew jitilgħu b'mod vertikali, u tinkludi terminal tal-passiġġieri tal-ajru, terminal u, jew maħżen tat-tagħbija li tinġarr bl-ajru kif ukoll kull art u faċilità li jkollhom x'jaqsmu mal-ajruport;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità għat-Trasport f'Malta mwaqqfa bl-artikolu 5;

"awtorizzazzjoni" tinkludi kull liċenza jew permess, ikunu kif ikunu deskriti, maħruġin minn jew taħt dan l-Att biex topera, tipprovdi jew tagħmel kull attività jew operazzjoni jew servizz, ikunu kif ikunu deskritti, li għandu x'jaqsam mat-trasport;

"bdot" tfisser persuna li tingħata liċenza mill-Awtorità biex triegi bastimenti fl-ibħra Maltin;

"*Chairperson*" tfisser iċ-*Chairperson* tal-Awtorità u tinkludi, fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 5(4), lid-Deputat *Chairperson;*

"deċiżjoni" tinkludi kull determinazzjoni, miżura, ordni, rekwiżit jew speċifikazzjoni, tkun kif tkun deskritta, li ssir mill-Awtorità;

"Direttorati" tfisser dawk id-direttorati li huma jew jistgħu jiġu mwaqqfa taħt l-artikolu 14(1);

"dgħajsa" tfisser opra tal-baħar żgħira, li titħaddem bl-imqadef, qlugħ, magni, jew b'mezzi oħra;

"drittijiet" tfisser id-drittijiet li jistgħu jinġabru taħt dan l-Att jew taħt regolamenti li jsiru taħt dan l-Att;

"ġarr ta' persuni" tfisser il-ġarr stradali ta' passiġġieri jew il-ġarr ta' passiġġieri bil-baħar jew il-ġarr ta' passiġġieri bl-ajru b'kiri jew b'kumpens;

"Gazzetta" tfisser il-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta;

"il-Gvern" tfisser il-Gvern ta' Malta;

"ħlasijiet" tfisser il-ħlasijiet li jistgħu jinġabru taħt dan l-Att jew taħt regolamenti li jsiru taħtu;

"ibħra interni" tinkludi kull port, bajja, qala, daħla tal-baħar jew xatt;

"ibħra territorjali" tfisser il-baħar miftuħ kif imsemmi fl-artikolu
Kap. 226. 3(1) tal-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa, u tinkludi l-ibħra magħluqin bejn il-linji bażi hemm imsemmija u l-kosta;

"impjegat tat-trasport pubbliku" tfisser persuna impjegata fil-ġarr ta' passiġġieri b'vettura li jkollha liċenza għat-trasport pubbliku;

"inġenji tal-ajru" tfisser inġenji li jinsaqu weħidhom mekkanikament użati għat-trasport bl-ajru ta' passiġġieri jew merkanzija u tinkludi ajruplani, ajruplani tal-baħar, elikotteru, inġenji tal-ajru ħfief u ajruplani ħfief li ma jġorrux aktar minn żewġ persuni;

"jott" tfisser bastiment li jbaħħar użat biss għad-divertiment u hekk aċċettat mill-Awtorità;

"kaptan" tfisser, meta użata dwar xi bastiment, il-persuna li jkollha l-kmand tal-bastiment jew tkun inkarigata minnu għal dak iż-żmien, iżda ma tinkludix bdot;

"kumpens" tinkludi kull xorta ta' korrispettiv riċevut jew li għandu jiġi riċevut għal kollox jew f'parti dwar, jew b'konnessjoni mal-għoti ta' servizz, tkun min tkun il-persuna li tkun tat jew tkun ser tagħti l-korrispettiv jew il-persuna li tkun irċevietu jew li tkun ser tirċevih;

"kumitat ta' tmexxija" jew "kumitat" tfisser kumitat ta' tmexxija mwaqqaf skont l-artikolu 39;

"Kunsilli Lokali" tfisser il-kunsilli lokali mwaqqfa taħt id-
Kap. 363. disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali;

"kuntrattur" tfisser persuna li taġixxi bis-saħħa ta' ftehim li tagħmel mal-Awtorità jew ma' Direttorat;

"liċenza" tfisser u tinkludi kull liċenza jew permess li jkunu meħtieġa taħt dan l-Att jew kull liġi oħra, mill-Awtorità jew minn Direttorat jew li l-Awtorità jew Direttorat huma awtorizzati jew għandhom il-poter jagħtu taħt dak l-Att jew xi liġi oħra;

"maħżen" tfisser kull tinda, bini, post, vagun, vapur jew vettura meta użati mill-Awtorità, jew minn kuntrattur għall-fini ta' ħażna jew depożitu għall-finijiet ta' dan l-Att;

"merkanzija" tinkludi valiġġa, annimali (sew ħajjin sew mejtin) u kull proprjetà mobbli oħra, tkun ta' liema xorta tkun;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għat-trasport, u tinkludi kull persuna awtorizzata għal hekk minn dak il-Ministru;

"operatur", dwar inġenji tal-ajru, tfisser persuna li f'dak il-ħin ikollha t-tmexxija ta' dawk l-inġenji, u espressjonijiet imnisslin minnha għandhom jiftehmu skont hekk;

"persuna" tinkludi għaqda jew korp ta' persuni, kemm jekk ikunu reġistrati bħala persuna ġuridika kemm jekk le;

"port" tfisser post dikjarat bħala port minn jew taħt kull liġi, u tista' tinkludi ċentru tal-jottijiet kemm-il darba jkun dikjarat li hu hekk taħt dan l-Att jew xi liġi oħra;

"preskritt" tfisser preskritt taħt dan l-Att;

"rati" tfisser ir-rati li jistgħu jinġabru taħt dan l-Att jew taħt regolamenti li jsiru taħtu;

"sena finanzjarja" tfisser perjodu ta' tnax-il xahar li jagħlaq fil-31 ta' Diċembru ta' kull sena; iżda l-ewwel sena finanzjarja għandha tibda mad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att u għandha ttemm fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' wara;

"servizz ta' trasport bl-ajru" tfisser il-ġarr b'kumpens ta' passiġġieri jew ta' posta jew ta' merkanzija bl-ajru;

"servizzi għat-trasport pubbliku ta' passiġġieri" tfisser servizzi għat-trasport ta' passiġġieri ta' interess ekonomiku ġenerali pprovdut lill-pubbliku fuq bażi li ma tkunx tiddiskrimina u kontinwa;

"sid" fir-rigward ta' bastiment tinkludi lil min jikri jew jopera l-bastiment, u fir-rigward ta' inġenju tal-ajru tinkludi lil kull min jikri jew jopera l-inġenju tal-ajru;

"tariffa" tfisser in-nolijiet jew tariffi għall-ġarr ta' merkanzija (inklużi d-drittijiet kollha għall-ġarr ta' posta) li jintalbu u l-kondizzjonijiet li fuqhom jiddependu dawk in-nolijiet jew rati għall-ġarr ta' merkanzija;

"telf jew ħsara", dwar persuni, tinkludi telf ta' ħajja u korriment tal-persuna;

"trasport" tfisser it-trasport ta' persuni jew merkanzija kemm bl-ajru, bl-art jew bil-baħar;

"trasport pubbliku" tfisser il-ġarr b'vettura ta' passiġġieri bi ħlas;

"trasport ta' merkanzija" tfisser it-trasport b'kiri jew kumpens ta' merkanzija bl-ajru, bl-art jew bil-baħar;

"triq" tinkludi kull triq, tkun kif tkun kategorizzata, u tinkludi għar-rigward ta' xi triq bħal dik -

(a) kull triq diġà mibnija jew li tkun fi stadju ta' ippjanar jew ta' kostruzzjoni;

(b) il-karreġġjata tagħha kif ukoll kull konfini jew spazju apert pubbliku ieħor adjaċenti u anċillari għaliha, inklużi marġini laterali, *central strips*, *roundabouts*, *traffic islands*, mogħdijiet pedonali u bankini;

(ċ) is-sisien, livelli taħt il-wiċċ u l-kisi tal-livell tal-wiċċ tagħhom;

(d) sottopassaġġi, sovrapassaġġi, *junctions* u intersezzjonijiet, sew fuq diversi livelli sew xort'oħra;

(e) xogħlijiet fuq kanali ta' dranaġġ u l-aċċess għalihom, gandotti u xogħlijiet ta' tħaffir ta' gandotti għal utilitajiet inkluż l-aċċess għalihom, il-mogħdija u t-tqegħid ta' sistemi ta' pajpijiet u tubi u ħwejjeġ simili għad-distribuzzjoni ta' utilitajiet jew il-provdiment ta' servizzi, inklużi xogħlijiet konnessi ma' dan jew anċillari għalihom u toqob tal-ispezzjonar jew mezzi oħra ta' aċċess għal dawk l-utilitajiet jew xogħlijiet;

(f) arbli, tagħmir tal-elettriku, *billboards*, strutturi għat-twaħħil ta' reklami, bankijiet, *kiosks* u kull ħaġ'oħra li tista' titwaħħal mal-wiċċ tagħhom, eskluż il-bini;

(g) sinjali jew tabelli tat-traffiku fit-toroq, marki fit-toroq u miżuri għall-ikkalmar tat-traffiku, apparat għall-kontroll tat-traffiku u apparat relatat li jaħdem bid-dawl, *cameras* tal-veloċità u faċilitajiet oħra tat-traffiku fit-toroq użati għal skopijiet ta' immaniġġar u kontroll tat-traffiku;

"uffiċjal" u "impjegat" għar-rigward tal-Awtorità tinkludi uffiċjal pubbliku mqabbad għal xogħol mal-Awtorità;

"l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni" tfisser l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Awtorità maħtur taħt l-artikolu 15;

"uffiċjal pubbliku", fir-rigward tal-artikolu 20, għandha l-istess

tifsir kif mogħti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni iżda ma tikludix imħallef tal-Qrati Superjuri jew maġistrat tal-Qrati Inferjuri;

"Unjoni Ewropea" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar l-Unjoni Ewropea; Kap. 460.

"utilitajiet" tfisser kull servizz ordinarjament użat minn postijiet ta' abitazzjoni jew intrapriża kummerċjali u li jużaw it-triq biex iwasslu s-servizz mingħand il-fornitur tas-servizz lejn il-post ta' abitazzjoni jew intrapriża kummerċjali u tinkludi servizzi bħall-ilma, dranaġġ, elettriku, televiżjoni bil-*cable*, telefonija, internet u oħrajn bħalhom;

"vapur" tfisser bastiment jew inġenju ta' kull deskrizzjoni użat fin-navigazzjoni, sew jekk imexxi lilu nnifsu sew jekk le, u tinkludi braken, riggijiet taż-żejt, pontuni u kull inġenju ieħor u bastimenti simili;

"vettura" tinkludi kull vettura bil-mutur, karru, karrozzin, karrettun, biċikletta, ċikletta bil-mutur, *trailer*, *semi-trailer*, vettura mgħaqqda, tren tat-triq, *bus* mgħaqqda, jew mezzi oħra ta' trasport stradali għall-ġarr ta' passiġġieri jew ġarr ta' merkanzija;

"vettura bil-mutur" tfisser vettura stradali li timxi waħedha mekkanikament normalment użata għall-ġarr stradali ta' persuni jew merkanzija jew biex tiġbed, fit-triq, vetturi użati għall-ġarr ta' persuni jew merkanzija iżda ma tinkludix trattur agrikolu;

"vettura għat-trasport pubbliku" tfisser vettura użata jew maħsuba li tintuża għat-trasport pubbliku.

TAQSIMA II

PRINĊIPJI TA' TMEXXIJA

Promozzjoni u żvilupp tal-interessi tal-Awtorità.

3. Il-Gvern għandu permezz tat-twaqqif tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta jfittex li jmexxi 'l quddiem u jiżviluppa s-settur tat-trasport f'Malta permezz ta' regolamentazzjoni adatta u bit-tmexxija 'l quddiem u l-iżvilupp ta' servizzi, negozji u interessi oħra li għandhom x'jaqsmu miegħu kemm lokalment kemm internazzjonalment.

Linji ta' politika u objettivi ewlenin.

4. (1) Il-Gvern għandu jiddetermina l-linji ta' politika u l-objettivi ta' Malta fis-settur tat-trasport u għandu jassenja dawk il-fondi u jipprovdi dawk ir-riżorsi li jħoss li jkunu meħtieġa biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

(2) Il-Gvern għandu jfittex, permezz tal-Awtorità, li jilħaq l-

objettivi u linji ta’ politika ewlenin li ġejjin:

(a) jiżviluppa linji ta’ politika dwar trasport integrat li jkun maħsub li jilħaq bidliet modali li jkunu jiffavorixxu t-trasport pubbliku u strateġiji li ma jħammġux l-ambjent;

(b) jiżgura l-iżvilupp ta’ sistema ta’ trasport pubbliku f’Malta li tkun waħda effiċjenti u soċjalment sostenibbli;

(ċ) imexxi ’l quddiem il-faċilitajiet marittimi u tal-avjazzjoni ċivili ta’ Malta u r-reġistrazzjoni ta’ vapuri u ajruplani taħt il-bandiera Maltija;

(d) imexxi ’l quddiem linji ta’ politika li jkunu jiffavorixxu l-iżvilupp ta’ Malta bħala ċentru ta’ interess marittimu fil-Mediterran u bħala port ta’ dħul għall-Unjoni Ewropea;

(e) jinkoraġġixxi miżuri għall-iżvilupp tal-avjazzjoni ċivili u servizzi anċillari u b’mod partikolari ta’ servizzi ta’ trasport bl-ajru kemm tal-passiġġieri kemm tal-merkanzija;

(f) jiżgura li l-amministrazzjoni, is-servizzi u l-operat tal-portijiet u taċ-ċentri tal-jottijiet f’Malta jkunu aktar effiċjenti u bla spejjeż żejda;

(g) jipprovdi bażi finanzjarja soda għall-Awtorità biex tkun tista’ tilħaq ritorn u investimenti skont ma tkun qed timmira; u

(h) jistandardizza prattiċi fis-settur tat-trasport f’Malta skont normi internazzjonali u dawk tal-Unjoni Ewropea b’mod partikolari.

TAQSIMA III

TWAQQIF, FUNZJONIJIET U TMEXXIJA TAX-XOGĦOL TAL-AWTORITÀ

Twaqqif u kompożizzjoni tal-Awtorità għat-Trasport f’Malta.

5. (1) Ikun hemm korp, li jkun magħruf bħala l-Awtorità għat-Trasport f’Malta, biex iwettaq il-funzjonijiet mogħtija lilu minn jew taħt dan l-Att.

(2) L-Awtorità għandha tkun magħmula minn *Chairperson* u mhux anqas minn sitt u mhux aktar minn għaxar membri oħra.

(3) Il-membri tal-Awtorità jinħatru mill-Ministru għal żmien sena jew għal dak iż-żmien itwal li jista’ jiġi speċifikat fid-dokument

li bih huma jkunu ġew maħtura, iżda l-membri hekk maħtura jistgħu jerġgħu jiġu maħtura fi tmiem iż-żmien tal-ħatra tagħhom.

(4) Il-Ministru jista' jinnomina membru ieħor tal-Awtorità bħala Deputat *Chairperson* u l-membru hekk nominat ikollu s-setgħat kollha u jaqdi dawk il-funzjonijiet kollha taċ-*Chairperson* sakemm huwa jkun nieqes jew meta ma jkunx jista' jagħmilha ta' *Chairperson* jew meta jkun bil-vaganzi, jew matul xi żmien li l-kariga ta' *Chairperson* tkun battala.

(5) Persuna ma tkunx kwalifikata li tinħatar membru tal-Awtorità jekk dik il-persuna -

(a) tkun Ministru, Segretarju Parlamentari jew membru tal-Kamra tad-Deputati jew tal-Parlament Ewropew; jew

(b) tkun imħallef jew maġistrat tal-qrati tal-ġutizzja; jew

(ċ) ikollha interess finanzjarju jew ieħor f'xi impriża jew attività li x'aktarx ma jħallihiex taqdi sewwa l-funzjonijiet tagħha bħala membru tal-Awtorità:

Iżda l-Ministru jista' jiddeċiedi li l-interess li jkollha dik il-persuna aktarx ma jkunx ser jaffettwa t-twettiq tal-funzjonijiet tagħha u skont dik id-deċiżjoni dik il-persuna għandha tikkwalifika għall-kariga bħala membru tal-Awtorità iżda l-interess li jkun ġie dikjarat u d-deċiżjoni tal-Ministru għandhom jiġu pubblikati fil-Gazzetta; jew

(d) tkun interdetta jew inkapaċitata; jew

(e) tinstab ħatja ta' reat li jkollu effett fuq il-fiduċja pubblika, jew ta' serq jew ta' frodi jew ta' riċettazzjoni ta' proprjetà miksuba b'serq jew bi frodi jew ta' tixħim jew ta' ħasil ta' flus; jew

(f) tkun soġġetta għal skwalifika taħt l-artikolu 320 tal-Att dwar il-Kumpanniji. Kap. 386.

(6) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-kariga ta' membru tal-Awtorità għandha ssir vakanti -

(a) fit-tmiem taż-żmien tal-ħatra tal-membru; jew

(b) jekk jinħolqu xi ċirkostanzi li, kieku ma kienx membru tal-Awtorità, kienu jħiegħluh ikun skwalifikat għal ħatra bħala membru.

(7) Membru tal-Awtorità jista' jitneħħa mill-kariga mill-Ministru jekk, fil-fehma tal-Ministru, dak il-membru ma jkunx għadu aktar jixraq li jkompli fil-kariga.

(8) Jekk il-kariga ta' membru mal-Awtorità tkun vakanti jew jekk xi membru għal xi raġuni ma jkunx jista' jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, il-Ministru jista' jaħtar persuna li tkun kwalifikata biex tkun maħtura bħala membru biex tkun membru temporanju tal-Awtorità; u kull persuna hekk maħtura għandha, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6) u (7), tispiċċa milli tkun membru bħal dak malli persuna tkun ġiet maħtura biex timla l-vakanza jew, skont il-każ, malli l-membru li ma setax jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu jerġa' jibda jwettaq dawk il-funzjonijiet.

(9) Membru tal-Awtorità li jkollu xi interess dirett jew indirett f'xi kuntratt magħmul jew propost li jsir mill-Awtorità, jew f'xi materja li tkun ser tiġi diskussa jew deċiża mill-Awtorità, li ma jkunx interess li jiskwalifika lil dak il-membru milli jibqa' membru, għandu jiżvela x-xorta ta' dak l-interess fl-ewwel laqgħa tal-Awtorità wara li huwa jkun sar jaf bil-fatti rilevanti, u dak il-fatt għandu mbagħad jiġi reġistrat fil-minuti tal-Awtorità, u l-membru li jkollu interess kif hawn aktar qabel imsemmi għandu jirtira minn kull laqgħa li fiha jkun qed jiġi diskuss dak il-kuntratt. Dak l-interess għandu jiġi mgħarraf lill-Ministru mingħajr dewmien. Meta l-interess tal-membru jkun tali li jiskwalifikah milli jibqa' membru, huwa għandu minnufih jirrapporta l-fatt lill-Ministru u jagħti r-riżenja tiegħu.

(10) Membru tal-Awtorità għandu jitħallas minn fondi li jkunu għad-dispożizzjoni tal-Awtorità dik ir-remunerazzjoni u, jew dak l-ammont biex ikopri xi spejjeż hekk kif il-Ministru jista' jistabbilixxi.

Funzjonijiet u poteri tal-Awtorità.

6. (1) L-Awtorità għandu jkollha dawn il-funzjonijiet u poteri li ġejjin:

(a) li tagħti parir lill-Ministru dwar l-iżvilupp ta' linji ta' politika għar-rigward tat-trasport li jkunu japplikaw kemm f'livell nazzjonali kemm f'livell lokali u li jiġu proposti jew li jkunu ġew adottati mill-Ministru u li tagħti parir lill-Ministru dwar dak kollu li jkollu x'jaqsam mal-funzjonijiet tagħha jew li jkun regolat b'dan l-Att;

(b) li tiżgura li l-linji ta' politika dwar trasport li jkunu ġew adottati mill-Ministru jiġu implimentati u li skemi ta' trasport lokali jkunu skont linji ta' politika dwar it-trasport nazzjonali u li ma tiddaħħal l-ebda skema ta' trasport nazzjonali mingħajr l-approvazzjoni tal-Awtorità;

(ċ) li tmexxi 'l quddiem faċilitajiet tat-trasport f'Malta u b'mod partikolari l-użu tal-portijiet u l-faċilitajiet tal-avjazzjoni ċivili tagħha u r-reġistrazzjoni taħt il-bandiera Maltija ta' ajruplani, vapuri, dgħajjes, jottijiet u bastimenti;

(d) li tipprovdi jew tiżgura jew tmexxi 'l quddiem il-provdiment ta' sistema ta' trasport integrat sew, mingħajr perikolu, ekonomiku u effiċjenti f'Malta u fl-ibħra interni u territorjali, u li tirregola u tikkontrolla l-għoti ta' servizzi marbuta ma' dik is-sistema, inklużi t-tħejjija ta' skedi u l-orarju tal-ħinijiet li għandhom jiġu adottati għal servizzi bħal dawk;

(e) li tiżviluppa l-istrateġija meħtieġa sabiex tilħaq il-linji ta' politika, strateġiji u objettivi stabbiliti mill-Gvern jew mill-Awtorità u li tistabbilixxi l-objettivi għal żmien qasir u dawk għal żmien fit-tul għat-twettiq tal-funzjonijiet tal-Awtorità;

(f) li tilliċenza u tirregola kull ajruplan, dgħajsa, vapur, jott, jew vettura u li tirregola l-użu tagħhom;

(g) li tipprovdi, jew tiżgura jew tmexxi 'l quddiem il-provdiment ta' dawk is-servizzi u faċilitajiet li fil-fehma tal-Awtorità jkunu spedjenti għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha, inkluża s-setgħa li tipprovdi għall-aċċessibbiltà ta' dawk is-servizzi u faċilitajiet minn kull persuna irrispettivament minn min dawn ikun qed jipprovdihom;

(h) li tipprovdi jew tiżgura jew tmexxi 'l quddiem il-provdiment ta' taħriġ għal persuni ingaġġati jew li jkunu ser jingaġġaw fis-servizzi tat-trasport u li tmexxi 'l quddiem l-istat soċjali ta' dawk il-persuni;

(i) li tipprovdi għall-użu bla periklu ta' kull inġenju tal-ajru, bastiment, jott jew vettura u li tiżgura li s-sigurtà tal-pubbliku b'mod ġenerali tiġi mħarsa billi jsiru dawk ir-regoli, regolamenti u *standards* li fil-fehma tal-Awtorità jkunu jidhru meħtieġa biex jintlaħaq dan il-għan;

(j) li tiġbor u żżomm *records* aġġornati ta' kull informazzjoni li jidhrilha li tkun adatta b'rabta mal-funzjonijiet tagħha;

(k) biex tapplika jew iddaħħal fis-seħħ kull konvenzjoni internazzjonali jew kull ftehim ieħor internazzjonali li l-Gvern ikun, jew ikun bi ħsiebu jsir, parti minnhom;

(l) li timplimenta kull obbligu tal-Komunità Ewropea li jkollhom x'jaqsmu ma' ħwejjeġ marbuta mal-funzjonijiet tagħha;

(m) li tagħmel dawk l-attivitajiet, li ma jkunux marbuta mal-funzjonijiet jew kompetenza ta' persuna, korp jew awtorità oħra skont il-liġi, li fil-fehma tal-Awtorità jkunu meħtieġa, vantaġġużi jew konvenjenti biex hi tkun tista' tmexxi jew taqdi jew tagħmel, għall-qadi jew li għandu x'jaqsam mal-qadi ta' xi waħda mill-funzjonijiet l-oħra tal-Awtorità; u

(n) li taqdi dawk il-funzjonijiet jew obbligi oħra u li teżerċita kull setgħa vestita fiha jew dmir u li teżerċita kull setgħa vestita fiha b'dan jew b'konformità ma' dan l-Att jew kull liġi oħra.

(2) L-Awtorità għandu jkollha s-setgħa li:

(a) tagħti, iġġedded, tiċħad, tissospendi jew tirrevoka liċenzi, u li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet li taħthom dik il-liċenza tista' tiġi mogħtija, imġedda, miċħuda, sospiża jew revokata u d-drittijiet li għandhom jitħallsu f'kull każ;

(b) tistabbilixxi d-drittijiet li għandhom jitħallsu għall-ħruġ, validazzjoni, tiġdid, estensjoni jew varjazzjoni ta' kull ċertifikat, liċenza jew kull dokument ieħor jew l-għemil ta' kull eżami jew test li jkun meħtieġ taħt dan l-Att jew taħt kull regolament, direttiva jew ordni li ssir taħthom, u fir-rigward ta' kull ħaġa oħra li fil-fehma tal-Awtorità tkun tidher li hi spedjenti għall-fini ta' dan l-Att, regolamenti, direttiva jew ordni li titlob il-ħlas ta' drittijiet;

(ċ) tirregola l-mod u l-kondizzjonijiet dwar il-ħruġ, validazzjoni, tiġdid, estensjoni jew varjazzjoni ta' kull ċertifikat, liċenza jew kull dokument ieħor li jkun meħtieġ minn dan l-Att jew kull regolament, direttiva jew ordni li jsiru taħtu, u dwar il-forma, il-kustodja, il-produzzjoni, it-tħassir, is-sospensjoni, il-kontrosenjar u l-għoti lura ta' kull dokument bħal dak;

(d) tirregola l-ħlasijiet, drittijiet jew tariffi li jistgħu jintalbu jew li jsiru għall-użu ta' portijiet u ajrudromi, u għall-użu ta' kull faċilità ta' trasport inklużi mezzi differenti ta' trasport pubbliku, u għal servizzi mogħtija f'dawn il-faċilitajiet;

(e) taħtar l-uffiċjali jew l-impjegati tagħha biex jissorveljaw l-implimentazzjoni ta' u, fejn ikun meħtieġ, li

jinfurzaw dan l-Att jew regolamenti li jsiru taħtu jew li jkun hemm il-ħsieb li jsiru taħtu;

(f) tistabbilixxi kodiċijiet ta' kondotta għal operaturi tat-trasport u għall-operaturi ta' servizzi oħra li jiġu provduti b'kiri jew bi ħlas, liema kodiċijiet ta' kondotta għandu jkollhom il-forza ta' liġi wara li jiġu pubblikati fil-Gazzetta;

(g) tistabbilixxi u timponi b'regolamenti tariffi, drittijiet u pieni amministrattivi;

(h) tipprojbixxi, tikkontrolla u xort'oħra tirregola -

(i) l-użu minn kull persuna ta' kull faċilità ta' trasport, inklużi portijiet u ajrudromi;

(ii) il-preżenza ta' kull persuna, inġenju tal-ajru, bastiment, dgħajsa, jott, vettura, merkanzija jew oġġetti f'kull faċilità għat-trasport, inkluż port jew ajrudrom;

(i) tgħabbi jew tħott kull inġenju tal-ajru jew bastiment, dgħajsa, jott jew vettura f'kull ajrudrom jew port jew triq jew kull fejn dawn jistgħu jkunu;

(j) tordna fejn jista' bastiment isorġi, jirmiġġa jew jankra f'xi port u l-mod kif jankra fil-port jew fejn inġenju tal-ajru jista' jipparkja u l-mod kif għandu jipparkja f'ajruport;

(k) tneħħi jew tordna li bastiment jitneħħa minn xi rmiġġ, stazzjon jew ankraġġ lejn xi port ieħor, u l-ħin li fih għandu jitneħħa dak il-bastiment, jew li inġenju tal-ajru jitneħħa minn xi post ta' l-ipparkjar, u l-ħin li fih għandu jitneħħa;

(l) tirregola l-moviment ta' bastimenti fil-portijiet u bejniethom, jew fil-viċinanza ta' xi port jew fl-ibħra territorjali, u ta' inġenji tal-ajru f'ajruport bl-istess mod u skond ma japplika;

(m) tagħmel dak ix-xogħol u attivitajiet oħra, li tagħmel dawk il-ħwejjeġ kollha u li tagħmel dawk it-transazzjonijiet kollha li fil-fehma tal-Awtorità jkunu meħtieġa, konvenjenti jew vantaġġużi biex hija tkun tista' tmexxi jew taqdi jew tagħmel, għall-qadi jew li għandu x'jaqsam mal-qadi tal-funzjonijiet tagħha, jew li fil-fehma tal-Awtorità jkunu inċidentali għal dan jew li jkunu jwasslu għalih; u

(n) li tiffinanza servizzi u infrastruttura ta' trasport

pubbliku, tinvesti f'sistemi ta' trasport u tidħol f'negozjati u arranġamenti ma' korpi oħra biex tiżviluppa, ittejjeb u tikkoordina l-għoti ta' servizzi ta' trasport.

(3) L-Awtorità tista', bil-kunsens tal-Ministru, tieħu sehem fil-formazzjoni ta' kumpannija, jew tidħol fi proġetti bi sħab jew fi sħubija bil-għan li tkun tista' twettaq xi funzjoni minn tagħha.

(4) Fil-qadi tal-funzjonijiet tagħha skond dan l-Att, l-Awtorità għandha tiżgura li l-istrateġija, il-linji ta' politika u l-attivitajiet tagħha jkunu jaqblu mal-għanijiet u l-iskopijiet tal-ippjanar ekonomiku nazzjonali li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien, u direttivi ġenerali tal-Gvern u tal-Ministeru u tagħti konsiderazzjoni xierqa lill-impatt tat-trasport fuq l-ambjent billi tħeġġeġ linji ta' politika ta' sostenibbiltà ambjentali, bidliet modali u trasport ta' passiġġieri.

(5) L-Awtorità tista' ġġiegħel jew tawtorizza lil kull wieħed mill-uffiċjali jew impjegati tagħha jitla' abbord kull inġenju tal-ajru, bastiment, dgħajsa, jott li jkunu f'port jew barra xi port jew kull vettura kull fejn din tista' tkun jekk hekk jidhrilha meħtieġ li tagħmel fil-qadi ta' xi funzjoni tagħha taħt dan l-Att jew taħt xi liġi oħra jew jekk jidhrilha li jkun hemm raġunijiet xierqa li taħseb li jkun sar jew li jkun ser isir xi reat kontra dan l-Att, jew kontra xi liġi oħra, jew xi regolament, regola jew ordni magħmulin bis-saħħa tagħhom.

(6) L-Awtorità tista' ġġiegħel jew tawtorizza lil kull wieħed mill-uffiċjali jew impjegati tagħha, flimkien ma' dawk il-ħaddiema li jkunu meħtieġa li -

(a) jidħlu f'kull art jew bini sabiex jibnu jew jieħdu ħsieb xi fanal jew lanterna jew xi għajnuna oħra ta' navigazzjoni għall-bastimenti, jew biex jeżaminaw, isewwu, jibdlu jew ineħħu xi wieħed minn dawk il-fanali, antenni jew għajnuniet oħra, u li jibqgħu hemm għal dak iż-żmien xieraq għal dak l-għan;

(b) li jibnu jew jieħdu ħsieb fanali jew għajnuniet oħra msemmija qabel fuq jew f'xi art, bini, xatt, moll, jew fix-xtajta jew f'qiegħ il-ba?ar u li jibdlu jew ineħħu kull fanal, antenna jew għajnuna oħra hemm imqiegħda:

Iżda -

(i) l-Awtorità għandha, meta tkun tista' tagħti avviż lill-okkupant ta' kull art jew bini li fuqha jkun maħsub li ser isir dħul skont is-setgħat mogħtija b'dan is-

subartikolu; u

(ii) l-Awtorità, fl-eżerċizzju tal-imsemmija setgħat, għandha tagħmel l-anqas ħsara possibbli fiċ-ċirkostanzi u għandha tħallas kumpens għal kull ħsara li tkun saret u għall-ħolqien jew rekwiżizzjoni ta’ xi jeddijiet fuq il-proprjetà.

(7) L-Awtorità tista’, minflok ma tuża l-uffiċjali jew l-impjegati tagħha biex tieħu xi azzjoni sanċita minn dan l-Att, tiddeċiedi li tawtorizza lil kuntrattur tal-Awtorità biex jeżerċita dik il-funzjoni u f’dawk il-każi l-kuntrattur tal-Awtorità jkollu dawk is-setgħat, drittijiet u obbligi bħal dawk ta’ uffiċjal jew impjegat tal-Awtorità u għandu, għall-finijiet ta’ dan l-Att u ta’ kull regolament jew ordni magħmulin taħtu, għal kull għan u raġuni jkun meqjus bħala li hu impjegat tal-Awtorità.

(8) L-Awtorità tista’ teħtieġ lil xi persuna biex tipprovdilha kull informazzjoni, inkluża informazzjoni finanzjarja, li l-Awtorità tkun tqis bħala meħtieġa b’għan li tiżgura konformità minn dik il-persuna mad-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att, ta’ regolamenti magħmulin taħt l-Att u deċiżjonijiet jew direttivi magħmulin skont dan l-Att jew taħt kull liġi oħra li l-Awtorità jkollha jedd tenforza. Kull persuna li tonqos jew tirrifjuta li tagħti din l-informazzjoni tikser id-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att u tista’ teħel multa amministrattiva skont ma jiġi preskritt mill-Awtorità.

(9) Meta tkun saret xi ħsara lil xi xogħlijiet, impjant jew makkinarju f’xi ajrudrom, port, faċilità ta’ trasport jew lil xi proprjetà oħra tal-Awtorità minn inġenju tal-ajru, bastiment, dgħajsa, jott jew vettura jew minn xi persuna li tkun qed taħdem xogħol fuq jew li għandu x’jaqsam ma’ xi inġenju tal-ajru, bastiment, dgħajsa, jott jew vettura, l-Awtorità tista’ żżomm lil dak l-inġenju tal-ajru, bastiment, dgħajsa, jott jew vettura u għandha ma’ dan tgħarraf lill-bdot, lill-kaptan, lis-sewwieq, lis-sid jew lill-aġent jew rappreżentant ta’ dak is-sid, biex fiż-żmien speċifikat fl-avviż, jipprovdi garanzija biżżejjed biex tagħmel tajjeb għall-ħlas tal-ħsarat li jkunu hekk saru, u l-inġenju tal-ajru, bastiment, dgħajsa, jott jew vettura ma jinħelsux sakemm tingħata dik il-garanzija.

Setgħat u funzjonijiet fir-rigward ta’ trasport stradali u toroq.

7. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat u funzjonijiet mogħtija lill-Awtorità permezz tal-artikolu 6, l-Awtorità għandu jkollha s-setgħat u l-funzjonijiet li ġejjin speċifikament b’konnessjoni mat-toroq u t-trasport stradali:

(a) li tirregola t-trasport stradali, ir-reġistrazzjoni, liċenzjar u l-użu ta’ vetturi, il-liċenzjar tal-operazzjonijiet

kummerċjali kollha marbuta mat-trasport stradali, u li tipprovdi għal kull ħaġa li hemm provdut dwarha taħt dan l-Att dwar it-trasport stradali;

(b) li tokkupa, tippjana, tiddisinja, tibni, tibni mill-ġdid, tamministra, tagħmel manutenzjoni, issewwi u tirrestawra toroq u li tipprovdi jew tiżgura jew tmexxi 'l quddiem provdiment għal dan kollu u wkoll li tipprovdi jew tiżgura provdiment ta' servizzi għal dawk l-għanijiet u timmaniġġa u tikkontrolla kull xogħol meħtieġ, inkluż l-ippjanar u l-ipprogrammar relattiv u l-ippjanar u l-ipprogrammar għall-bini u l-formazzjoni mill-ġdid ta' toroq eżistenti:

Kap. 363. Iżda meta l-manutenzjoni ta' xi triq tkun taqa' taħt ir-responsabbiltà ta' Kunsill Lokali skond l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-manutenzjoni ta' dik it-triq ma għandhiex tkun, fil-qies ta' dik ir-responsabbiltà, il-funzjoni tal-Awtorità sakemm ma jkunx intlaħaq ftehim dwar dak bejn il-Kunsill Lokali u l-Awtorità:

Iżda wkoll, meta triq tkun se tiġi ffurmata minn xi persuna skond xi liġi oħra, ma tkunx il-funzjoni tal-Awtorità li tifforma dik it-triq;

(ċ) li tistabbilixxi *standards* u speċifikazzjonijiet li jkollhom jinżammu u jitħarsu fl-eżekuzzjoni ta' kull xogħol marbut ma' toroq u li tagħmel dak kollu meħtieġ jew spedjenti biex tiżgura li jinżammu *standards* bħal dawk u speċifikazzjonijiet minn Kunsill Lokali jew persuna li tagħmel xogħlijiet fi triq indipendement minn min ikun responsabbli għal dik it-triq u għal dan l-iskop tistabbilixxi programmi regolari biex tivverifika kif ukoll biex tiżgura l-implimentazzjoni ta' dawk il-livelli u dettalji;

Kap. 356. (d) mingħajr preġudizzju għal kull applikazzjoni li tista' tkun meħtieġa li għandha ssir taħt l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, li taġixxi bħala l-unika awtorità biex tagħti permessi għal xogħlijiet fit-toroq;

(e) li tagħti drittijiet ta' mogħdija fit-toroq lil persuni jew fir-rigward ta' persuni;

(f) li tagħmel dak kollu meħtieġ jew spedjenti għall-ittestjar, reġistrazzjoni u liċenzjar ta' vetturi bil-mutur, sidien tal-vetturi, operaturi kummerċjali ta' vetturi, sewwieqa tal-vetturi, jew persuni oħra konnessi mat-trasport stradali;

(g) tiżgura l-provvediment ta' sistemi ta' trasport ta'

passiġġieri li jkunu adegwati, effiċjenti u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u għal dan l-iskop tipprovdi hi stess servizzi bħal dawk jew tidħol f'kuntratti ta' servizz jew strumenti oħra li jkunu jorbtu ma' terzi biex ikunu jipprovdu dawk is-servizzi;

(h) li tagħmel dak kollu meħtieġ għar-regolament, maniġġar, sigurtà u kontroll tat-traffiku stradali sew f'livell nazzjonali sew f'livell lokali u għal dan il-għan tadotta strateġiji u livelli li huma milħuqa f'livell Ewropew;

(i) li tippjana, tistalla, tibni u tieħu ħsieb *bus stops, fare stages,* vened tal-karrozzi tal-linja, *taxi stands*, *stands* tal-karrozzini u faċilitajiet oħra għal min juża s-servizzi tat-trasport u li tirregola l-istallazzjoni ta' *bus shelters*;

(j) li tippjana, tiddisinja, tirregola u tawtorizza s-sinjali jew tabelli tat-traffiku fit-toroq, marki fit-toroq u miżuri għall-ikkalmar tat-traffiku, l-istallazzjoni ta' apparat għall-kontroll tat-traffiku u apparat relatat li jaħdem bid-dawl, il-kostruzzjoni ta' stoffi fit-toroq, u l-istallazzjoni ta' *cameras* tal-veloċità u faċilitajiet oħra tat-traffiku fit-toroq għal skopijiet ta' immaniġġar u kontroll tat-traffiku;

(k) li tipprovdi u tirregola parkeġġi għall-vetturi bil-mutur f'postijiet pubbliċi u f'toroq, u li tirregola u toħroġ liċenzi lil *car park attendants;* u

(l) li tistabbilixxi piżijiet, dimensjonijiet u rekwiżiti dwar l-apparat għall-vetturi bil-mutur.

Setgħat u funzjonijiet fir-rigward ta' affarijiet marittimi.

8. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat u funzjonijiet mogħtija lill-Awtorità permezz tal-artikolu 6, l-Awtorità għandu jkollha s-setgħat u l-funzjonijiet li ġejjin speċifikament fir-rigward ta' affarijiet marittimi u tat-trasport marittimu -

(a) li tirregola t-trasport bil-baħar, ir-reġistrazzjoni, liċenzjar u l-użu ta' dgħajjes, vapuri u jottijiet, il-liċenzjar tal-operazzjonijiet kummerċjali kollha konnessi mat-trasport bil-baħar, il-kostruzzjoni, manutenzjoni u liċenzjar ta' portijiet u attivitajiet fil-portijiet, ċentri tal-jottijiet u faċilitajiet oħra konnessi mat-trasport bil-baħar u biex tagħmel disposizzjonijiet għal kull materja li jipprovdi dwarha dan l-Att b'konnessjoni mat-trasport bil-baħar;

(b) li tirregola u tikkontrolla n-navigazzjoni fil-limiti ta' kull port u fil-viċinanzi tiegħu;

(ċ) li tipprovdi jew tiżgura l-provdiment ta' servizzi

adatti għat-tifi tan-nar fil-portijiet, u għall-provdiment ta' servizzi ta' pilutaġġ u rmiġġ lil bastimenti;

(d) li tipprovdi u żżomm b'mod xieraq u effiċjenti f'Malta fanali, antenni, u dwal oħra, bagi u għajnuniet u servizzi oħra ta' navigazzjoni f'dawk il-postijiet, inklużi l-ibħra territorjali ta' Malta, hekk kif l-Awtorità jidhrilha li jkun adatt;

(e) li tipprovdi, iżżomm, tiżviluppa, ittejjeb u tħaddem portijiet f'Malta u l-faċilitajiet li jmorru magħhom, u li tipprovdi, iżżomm u tħaddem fihom u fil-viċinanzi tagħhom servizzi u faċilitajiet adatti u effiċjenti li minn żmien għal żmien jidhrulha meħtieġa jew vantaġġużi biex jaħdmu tajjeb, bla perikolu u b'mod effiċjenti, dawk il-portijiet jew hekk kif l-Awtorità jidhrilha xort'oħra adatt biex tipprovdi fl-interess pubbliku u li tnaddaf u tiżbarazza kull port u l-viċinanzi tiegħu;

(f) li tipprovdi u tuża jew tiżgura l-provdiment u l-użu ta' bastimenti, dgħajjes, jottijiet u vetturi u mezzi oħra għas-salvataġġ jew għat-tħaris tal-ħajja u tal-proprjetà;

(g) li tipprovdi jew tiżgura l-provdiment ta' *fuel* u ħtiġiet oħra lil bastimenti u li teżerċita kontroll sħiħ fuq ix-xogħol kollu fil-portijiet inkluż il-provdiment ta' ħaddiema għal xogħol tal-port;

(h) li tmexxi 'l quddiem u tavvanza l-ħila ta' baħħara u ta' persuni impjegati fil-portijiet u fl-industrija marittima u l-effiċjenza tat-tagħmir użat fihom;

(i) bla ħsara għal dak kollu hawn qabel imsemmi, li tipprovdi jew tiżgura l-provdiment ta' dawk is-servizzi u l-faċilitajiet l-oħra li fil-fehma tal-Awtorità jkunu meħtieġa għat-tħaddim tal-portijiet;

(j) bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, li teżerċita kontroll sħiħ dwar il-bon ordni fl-ibħra territorjali u interni ta' Malta, f'kull port, u fl-art u fil-baħar li jkun qrib ta' kull port, u fuq il-mollijiet;

Kap. 234.

(k) li tirregola, tamministra u tikkontrolla l-ħwejjeġ kollha li għandhom x'jaqsmu ma' bastimenti merkantili jew li hemm provdut dwarhom taħt l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, jew taħt xi liġi oħra li għandha x'taqsam ma' dan u li tipprovdi s-servizzi kollha marbuta magħhom;

Kap. 234.

(l) bla ħsara għal xi disposizzjoni tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, li tagħmel dak kollu meħtieġ jew

spedjenti għall-ittestjar, reġistrazzjoni u liċenzjar ta' dgħajjes, bastimenti u jottijiet, sidien jew operaturi kummerċjali tagħhom, baħħara, persuni li jkunu qegħdin jaħdmu f'portijiet jew persuni oħra jew faċilitajiet marbuta mat-trasport bil-baħar;

(m) bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-Att biex Iħares l-Ambjent, li tħares u tikkontrolla t-tinġis biż-żejt jew xi sustanza oħra ta' kull port jew fil-viċinanzi tiegħu; u Kap. 435.

(n) li tirregola, tikkontrolla, tiżviluppa u tmexxi 'l quddiem ċentri tal-jottijiet u li tmexxi 'l quddiem il-faċilitajiet marittimi ta' Malta.

Setgħat u funzjonijiet fir-rigward tal-avjazzjoni ċivili.

9. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat u funzjonijiet mogħtija lill-Awtorità permezz tal-artikolu 6, l-Awtorità għandu jkollha s-setgħat u l-funzjonijiet li ġejjin speċifikament fir-rigward tal-avjazzjoni ċivili:

(a) li tiżgura ambjent ta' operazzjoni mingħajr periklu f'konformità mal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali magħmula f'Chicago fis-7 ta' Diċembru,1944;

(b) li tirregola t-trasport bl-ajru, ir-reġistrazzjoni, il-liċenzjar u l-użu ta' inġenji tal-ajru, il-liċenzjar tal-operazzjonijiet kummerċjali kollha li għandhom x'jaqsmu mat-trasport bl-ajru u min jipprovdi servizz, il-bini, manutenzjoni, liċenzjar u spezzjoni ta' ajrudromi u faċilitajiet oħra li għandhom x'jaqsmu mat-trasport bl-ajru u li tipprovdi dwar kull ħaġa li hemm imsemmija taħt dan l-Att u li għandha x'taqsam mat-trasport bl-ajru;

(ċ) li tirregola l-immaniġġar tat-traffiku fl-ajru u l-iddisinjar tal-ispazju tal-ajru, inklużi l-komunikazzjonijiet, in-navigazzjoni, is-sorveljanza, is-sistemi u l-proċeduri għall-immaniġġar tal-ispazju tal-ajru u tat-traffiku fl-ajru, kif ukoll is-servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika;

(d) li tirregola kull ħaġa li għandha x'taqsam mal-avjazzjoni ċivili u li tikkoordina mal-organizzazzjonijiet internazzjonali tal-avjazzjoni ċivili relevanti u li tressaq 'il quddiem il-kooperazzjoni internazzjonali fl-avjazzjoni ċivili;

(e) li tirreġistra inġenji tal-ajru f'Malta, li tapprova u tissorvelja *standard* ta' sigurtà operazzjonali tal-kumpanniji tal-ajru, u li tirregola, tikkontrolla, tiżviluppa u tmexxi 'l quddiem l-użu tal-faċilitajiet tal-avjazzjoni ċivili f'Malta;

(f) li tipprojbixxi inġenji tal-ajru milli jtiru jekk dawn

ma jkollhomx ċertifikati, maħruġa u validati, li huma tajbin biex itiru;

(g) li tipprovdi għad-dħul f'fabbriki tal-inġenji tal-ajru sabiex jiġi spezzjonat xogħol li jsir fihom dwar inġenji tal-ajru jew partijiet minnhom u biex jipprojbixxu jew jirregolaw l-użu ta' ajrudromi mingħajr liċenza;

(h) li jipprojbixxu persuni milli jaħdmu fi, jew milli jkunu impjegati b'konnessjoni ma', navigazzjoni fl-ajru u li toħroġ liċenza lil dawk li jkunu impjegati f'ajrudromi fl-ispezzjonar u fis-sorveljanza ta' inġenji tal-ajru;

(i) li tirregola l-kondizzjonijiet li taħthom, u b'mod partikolari l-ajrudromi li lejhom jew minnhom, jistgħu jtiru inġenji tal-ajru li jaslu jew jitilqu minn Malta, u l-kondizzjonijiet li taħthom inġenji tal-ajru jistgħu jtiru minn parti għall-oħra ta' Malta;

(j) li tirregola l-kondizzjonijiet li taħthom jistgħu jinġarru bl-ajru passiġġieri u merkanzija u li taħthom inġenji tal-ajru jkunu jistgħu jintużaw għal skopijiet oħra kummerċjali, industrijali u ta' qligħ, u li tipprojbixxi l-ġarr bl-ajru ta' merkanzija ta' dawk il-klassijiet li jiġu speċifikati f'regolamenti jew f'xi ordni;

(k) li tnaqqas jew tevita tfixkil fl-użu jew fl-effikaċja ta' apparat użat b'konnessjoni man-navigazzjoni fl-ajru, u li tipprojbixxi jew tirregola l-użu tal-imsemmi apparat u l-wiri ta' sinjali u dwal li x'aktarx jipperikolaw l-inġenji tal-ajru;

(l) b'mod ġenerali li tiżgura s-sigurtà, l-effiċjenza u r-regolarità tan-navigazzjoni fl-ajru u s-sigurtà ta' inġenji tal-ajru u ta' persuni u proprjetà li jinġarru fihom, biex jiġi evitat li inġenji tal-ajru joħolqu periklu lil persuni oħra u proprjetà u, b'mod partikolari, biex jinżammu inġenji tal-ajru għal kull wieħed mill-għanijiet speċifikati f'dan il-paragrafu;

(m) li tesiġi li persuni li jaħdmu fi, jew huma impjegati fi jew b'konnessjoni ma', in-navigazzjoni fl-ajru, jagħtu informazzjoni meterjoloġika għall-finijiet tan-navigazzjoni fl-ajru;

(n) li tilliċenzja l-ekwipaġġ tat-titjiriet, kontrolluri tat-traffiku tal-ajru u kontrolluri tal-post fl-ajrudrom fejn isir il-manuvrar tal-ajruplani, u li ssegwi l-mod ta' kif isiru l-eżamijiet mediċi tagħhom u tilliċenzja wkoll l-inġiniera tal-manutenzjoni

tal-inġenji tal-ajru u lil persunal tal-avjazzjoni ieħor;

(o) li tirregola l-għemil ta' sinjali jew komunikazzjonijiet oħra minn jew lil inġenji tal-ajru jew minn persuni li jinġarru fihom;

(p) li tistabbilixxi kull distintiv, u li tirregola l-użu ta' kull distintiv li jkun diġà stabbilit sew b'regolamenti sew b'xi ordni jew xort'oħra, għall-finijiet li għandhom x'jaqsmu man-navigazzjoni fl-ajru;

(q) li tipprojbixxi inġenji tal-ajru milli jtiru fuq dawk l-inħawi f'Malta li jiġu speċifikati f'regolamenti jew f'xi ordni;

(r) li tagħti l-appoġġ u tassisti fl-investigazzjoni ta' aċċidenti u inċidenti tal-ajru.

10. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, il-ħidma u l-attività tal-Awtorità jkunu r-responsabbiltà tal- Awtorità, iżda ħlief kif imsemmi aktar qabel, it-tmexxija eżekuttiva tal-Awtorità, l-amministrazzjoni u l-organizzazzjoni u l-kontroll amministrattiv tad-Direttorati u tal-uffiċjali u l-impjegati tagħha, ikunu r-responsabbiltà tal-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Awtorità, li jkollu wkoll dawk is-setgħat kollha li minn żmien għal żmien jiġu mogħtija lilu mill-Awtorità. Tmexxija tax-xogħol tal-Awtorità.

(2) L-Awtorità u kull wieħed mid-Direttorati jistgħu jeżerċitaw xi wieħed jew aktar mill-funzjonijiet jew ir-responsabbiltajiet tagħhom sew direttament sew permezz ta' xi wieħed mill-uffiċjali jew impjegati tagħhom li jkunu awtorizzati għal dak l-iskop, jew permezz ta' kuntrattur jew persuna oħra li magħha jkun sar ftehim għall-għemil ta' xi funzjoni waħda jew aktar minn dawk:

Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha tawtorizza lill-Awtorità sabiex tagħti b'kuntratt xi funzjonijiet regolatorji jew ta' liċenzjar li hija jkollha.

(3) Meta f'dan l-Att xi ħaġa għandha ssir minn jew kontra jew dwar l-Awtorità, jew għandu jingħata jew jista' jingħata xi avviż lill-Awtorità, dik il-ħaġa jew dak l-avviż jistgħu wkoll jintgħamlu minn jew kontra jew dwar jew jingħataw lid-Direttorati li l-kwistjoni tkun taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom minħabba f'delega ta' funzjoni lil dak id-Direttorat; u għall-għanijiet hawn aktar qabel imsemmija kull riferenza f'dan l-Att għall-Awtorità tinkludi riferenza għad-Direttorat adatt.

Relazzjonijiet bejn il-Ministru u l-Awtorità.

11. (1) Il-linji ta' politika li għandhom ikunu segwiti u d-deċiżjoni dwar materji ta' politika għandhom ikunu l-prerogattiva tal-Ministru. Fin-nuqqas ta' qbil bejn il-Ministru u l-Awtorità dwar jekk xi materja partikolari tkun jew ma tkunx materja ta' politika, id-deċiżjoni tal-Ministru għandha tkun finali iżda l-Awtorità tista' titlob li l-Ministru jagħti d-deċiżjoni tiegħu bil-miktub.

(2) Deċiżjoni politika mill-Ministru għandha torbot biss lill-Awtorità jekk tingħatalha bil-miktub u jekk tkun iffirmata mill-Ministru.

(3) Bla preġudizzju għal dak hawn qabel imsemmi, il-Ministru jista', minn żmien għal żmien, jagħti lill-Awtorità direttivi, li ma jkunux kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, li għandhom jiġu segwiti mill-Awtorità fil-qadi tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att, u l-Awtorità għandha, kemm jista' jkun malajr, tagħti effett lil dawk id-direttivi kollha.

(4) L-Awtorità għandha tagħti lill-Ministru faċilitajiet biex jikseb tagħrif dwar il-proprjetà u l-attivitajiet tagħha jew xi funzjoni jew dover ieħor u tagħtih dawk il-prospetti, kontijiet u tagħrif dwarhom, u għandha wkoll tagħti faċilitajiet għall-verifika ta' tagħrif mogħti, b'dak il-mod u f'dawk iż-żminijiet li l-Ministru jkun bir-raġun jeħtieġ.

(5) Jekk l-Awtorità tonqos milli tħares xi direttiva maħruġa taħt dan l-artikolu, il-Prim Ministru jista' jagħmel ordni li jkun jittrasferixxi lill-Ministru, għal kollox jew f'parti, kull waħda mill-funzjonijiet tal-Awtorità f'liema każ dawk il-funzjonijiet jistgħu jiġu eżerċitati mill-Ministru permezz tal-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Awtorità u permezz tad-Direttorati, uffiċjali u impjegati oħra tagħha.

Personalità ġuridika u rappreżentanza tal-Awtorità.

12. (1) L-Awtorità tkun enti morali b'personalità ġuridika distinta u tkun tista', bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, tagħmel kuntratti, takkwista, iżżomm u tneħħi kull xorta ta' proprjetà għall-għanijiet tal-funzjonijiet tagħha, tħarrek, tiġi mħarrka, u tagħmel kull ħaġa u tidħol f'kull operazzjoni li jkunu inċidentali jew iwasslu għall-eżerċizzju jew għall-qadi tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att, magħdud li tislef jew tissellef il-flus.

(2) Ir-rappreżentanza legali tal-Awtorità tkun vestita solidalment fiċ-*Chairperson* jew fl-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni:

Iżda l-Awtorità tista' taħtar lil xi wieħed jew aktar mill-membri l-oħra tagħha jew lil xi wieħed jew aktar mill-uffiċjali jew mill-impjegati tal-Awtorità biex jidhru f'isem u għall-Awtorità f'kull proċediment ġudizzjarju u f'kull att, kuntratt jew dokument ieħor, ikun li jkun.

(3) Kull dokument li jidher li jkun kitba magħmula jew maħruġa mill-Awtorità u li jkun iffirmat miċ-*Chairperson* jew mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jew minn kap ta' Direttorat dwar kull ħaġa li tiġi lilu delegata f'isem l-Awtorità għandu jiġi milqugħ bħala prova u għandu, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, jitqies li jkun kitba magħmula jew maħruġa mill-Awtorità.

13. (1) Il-laqgħat tal-Awtorità jissejħu miċ-*Chairperson*, ta' kull darba li jkun meħtieġ iżda mill-anqas darba fix-xahar, jew minn jeddu jew b'talba ta' erbgħa mill-membri l-oħra tal-Awtorità. Disposizzjonijiet dwar proċedimenti tal-Awtorità.

(2) Nofs l-għadd ta' membri li f'dak iż-żmien ikunu jikkostitwixxu l-Awtorità jifformaw kworum. Id-deċiżjonijiet jittieħdu b'maġġoranza sempliċi tal-voti tal-membri preżenti u li jivvotaw. Iċ-*Chairperson*, jew fin-nuqqas tiegħu d-Deputat *Chairperson* jew persuna oħra maħtura biex tagħmilha ta' *chairperson*, ikollu vot oriġinali u, fil-każ ta' voti indaqs, vot deċiżiv. Bla ħsara għar-rekwiżiti l-oħra ta' dan l-Att, ebda deċiżjoni ma tkun valida jekk ma jkollhiex l-appoġġ ta' mill-anqas tliet membri tal-Awtorità meta l-Awtorità tkun tikkonsisti f'sitt membri minbarra ċ-*Chairperson* jew ta' mill-anqas erba' membri meta l-Awtorità tkun tikkonsisti f'iżjed minn sitt membri minbarra ċ-*Chairperson*.

(3) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, l-Awtorità tista' tirregola l-proċedura tagħha stess.

(4) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, għemil jew proċediment tal-Awtorità jkun validu minkejja xi vakanza fost il-membri tagħha.

(5) Kull ħaġa li ssir minn xi persuna li taġixxi *bona fide* bħala membru tal-Awtorità tkun valida daqslikieku kienet membru minkejja xi difett li jista' jiġi mikxuf wara fil-ħatra jew fil-kwalifika tagħha. Ebda kwistjoni ma tista' titqajjem dwar xi għemil jew proċedimenti tal-Awtorità minħabba xi ksur, minn xi membru, tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 5(9).

14. (1) Għandhom jitwaqqfu d-Direttorati elenkati fl-Ewwel Skeda li għandhom ikollhom ir-responsabbiltajiet rispettivi mfissra fl-istess Skeda. Il-Ministru jista', wara li jikkonsulta lill-Awtorità, b'regolamenti jemenda l-imsemmija Skeda, u permezz t'hekk ikun jista' jiġi abolit xi wieħed jew aktar mid-Direttorati msemmija, jew jiġu mibdula r-responsabbiltajiet tagħhom, u jitwaqqfu dawk id-Direttorati l-oħrajn li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien iqis li jkunu meħtieġa li jitwaqqfu. Twaqqif ta' Direttorati.

(2) L-Awtorità għandha bil-mitkub taħti lid-Direttorati mwaqqfa taħt is-subartikolu (1), bla ħsara għas-superviżjoni u l-

kontroll fuq kollox tal-Awtorità u tal-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni, dawk il-funzjonijiet tagħha li jirrigwardaw jew huma anċillari għal dawk l-affarijiet li jkunu responsabbli għalihom b'mod li dawk id-Direttorati jkunu jistgħu jagħtu sehħ lill-istrateġiji, linji ta' politika u direttivi tal-Awtorità u xort'oħra jwettqu effettivament u effiċjentement il-funzjonijiet tal-Awtorità f'kull qasam rispettiv tal-ħidma tagħhom.

(3) Kull Direttorat imwaqqaf taħt is-subartikolu (1) jitmexxa minn persuna li jkollha esperjenza jew konoxxenza adegwata fil-qasam rispettiv tagħha li tkun jew uffiċjal pubbliku bi dmirijiet mal-Awtorità jew impjegat tal-Awtorità jew persuna assenjata biex taħdem mal-Awtorità skond ftehim bejn l-Awtorità u impriża pubblika jew privata.

(4) Il-kapijiet tad-Direttorati għandhom jinħatru mill-Awtorità bl-approvazzjoni tal-Ministru għal perijodu ta' tliet snin u dak il-perijodu jista' jiġi mtawwal għal perijodi oħra ta' tliet snin kull wieħed.

Hatra ta' Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni.

15. (1) L-Awtorità għandha taħtar Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni bl-approvazzjoni tal-Ministru. Dik il-ħatra għandha tkun għal perijodu ta' tliet snin u dak il-perijodu jista' jiġi mtawwal għal perijodi oħra ta' tliet snin kull wieħed.

(2) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jattendi għal-laqgħat kollha tal-Bord iżda huwa ma jivvotax f'dawk il-laqgħat:

Iżda l-Awtorità tista', jekk jidhrilha li jkun hekk xieraq, teħtieġ lill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni biex ma jattendix għal xi laqgħat jew għal xi parti ta' xi laqgħa.

(3) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-iskopijiet tal-Awtorità fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha u mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak imsemmi hawn aktar qabel huwa għandu -

(a) jassumi kull responsabbiltà għas-superviżjoni u l-kontroll fuq kollox tad-Direttorati;

(b) bl-approvazzjoni tal-Awtorità jassenja lid-Direttorati dawk id-dmirijiet li huma, bi jew skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, vestiti f'dawk id-Direttorati;

(ċ) jikkoordina l-ħidma tad-Direttorati;

(d) jiżviluppa l-istrateġiji meħtieġa għall-implimentazzjoni u t-tħaddim kontinwu tal-iskopijiet tal-

Awtorità;

(e) jagħti parir lill-Awtorità dwar kull ħaġa li din tista' tirriferilu jew dwar kull ħaġa li hu jqis li l-parir tiegħu jkun meħtieġ jew spedjenti; u

(f) iwettaq dawk il-funzjonijiet u dmirijiet l-oħra li l-Awtorità tista' tassenjalu minn żmien għal żmien.

(4) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni m'għandu jkollu ebda kariga jew pożizzjoni oħra mingħajr il-kunsens tal-Awtorità.

(5) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jista' jitkeċċa mill-Awtorità f'kull żmien għal kawża ġusta u għandha tkun kawża ġusta jekk l-Awtorità tiddeċiedi li huwa ma jkunx laħaq il-miri u l-oġġettivi li jkunu tpoġġewlu mill-Awtorità.

16. (1) L-Awtorità għandha taħtar Kumitat ta' Awditjar b'termini ta' riferenza miktubin, li bl-aktar mod ċar jistabbilixxu l-awtorità, ir-responsabbiltajiet, u d-doveri ta' dak il-kumitat. Kumitat ta' Awditjar.

(2) (a) Il-Kumitat ta' Awditjar għandu jiltaqa' sikwit kif meħtieġ iżda mill-anqas sitt darbiet f'sena.

(b) Il-laqgħat tal-Kumitat ta' Awditjar imexxihom id-Deputat *Chairperson* tal-Awtorità, jew fin-nuqqas tiegħu, dak il-membru tal-Awtorità kif jista' jintgħażel għal dan il-għan miċ-*Chairperson* tal-Awtorità.

(ċ) Il-membri tal-Kumitat ta' Awditjar jinħatru taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li tiddeċiedi l-Awtorità.

(3) Bla preġudizzju għall-ġeneralità għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), il-Kumitat ta' Awditjar għandu jkollu l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) li jipprovdi indukrar tas-sistemi ta' kontroll intern u maniġġar ta' riskju tal-Awtorità u li jassisti u jappoġġa lill-Awtorità fit-twettiq tar-responsabbilitajiet tagħha dwar dak;

(b) li jipprovdi ħolqa ta' komunikazzjoni ma' udituri esterni u li jivvaluta u jikkordina l-awditjar u l-proċess ta' rappurtaġġ finanzjarju tal-Awtorità;

(ċ) li jiskrutinizza u jevalwa kull transazzjoni li tidħol għaliha l-Awtorità b'valur li jkun aktar minn mitejn u ħamsin elf euro (€250,000); u

(d) li jeżamina u jistma l-effettività tal-immaniġġar tal-Awtorità skond il-linji ta’ politika u fit-twettiq tal-funzjonijiet regolatorji u ta’ konformità tagħha;

(e) li jagħmel maniġġar tar-riskji kollha l-aktar importanti li tidħol għalihom l-Awtorità.

(4) Il-Kumitat dwar Awditjar jirrapporta direttament lill-Awtorità għall-anqas darba kull sitt xhur u f’kull żmien ieħor meta jintalab jagħmel hekk mill-Awtorità.

TAQSIMA IV

UFFIĊJALI U IMPJEGATI TAL-AWTORITÀ

Hatriet ta’ persunal.

17. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u ta’ kull liġi oħra li tapplika għalihom, u bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta’ dan l-Att, l-impjieg u l-ħatra ta’ uffiċjali u impjegati oħra tal-Awtorità jsiru mill-Awtorità u l-patti u l-kondizzjonijiet tal-impjieg u tal-ħatra għandhom jiġu stabbiliti mill-Awtorità wara li jkun qabel magħhom il-Ministru.

(2) L-Awtorità tista’, bl-approvazzjoni tal-Ministru mogħtija wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, twaqqaf skema jew skemi sew b’arranġamenti kontributorji jew mhux kontributorji jew f’parti minn wieħed u f’parti mill-ieħor, għall-ħlas lill-uffiċjali u l-impjegati tagħha, jew lid-dipendenti tagħhom, meta jirtiraw, imutu jew ikorru, ta’ pensjonijiet, gratifikazzjonijiet u benefiċċji oħra bħal dawn.

Żvelar ta’ interessi.

18. (1) Meta l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jew xi membru tal-persunal tal-Awtorità, jew konsultazzjoni, jew konsulent jew xi persuna oħra ingaġġata mill-Awtorità, ikollu interess fi, jew li jkollu x’jaqsam ma’ kull ħaġa li tkun ser tiġi kkunsidrata mill-Awtorità, huwa għandu -

(a) jiżvela lill-Awtorità n-natura tal-interess waqt l-ewwel laqgħa tal-Awtorità wara li jkun akkwista dak l-interess jew inkella qabel kull kunsiderazzjoni ta’ dik il-ħaġa, skond ma jiġi l-ewwel;

(b) la jinfluwenza lanqas jipprova jinfluwenza deċiżjoni dwar dik il-ħaġa; u

(ċ) ma jieħux sehem waqt li dik il-ħaġa tkun qiegħda tiġi kkunsidrata.

(2) Meta jkun hemm xi kwistjoni dwar jekk ċertu kondotta ta’

xi persuna, tkunx tikkostitwixxi jew le nuqqas minn dik il-persuna li tosserva r-rekwiżiti tas-subartikolu (1), il-kwistjoni għandha tiġi deċiża mill-Awtorità u d-deċiżjoni u l-motivazzjoni tagħha għandhom jiġu reġistrati fil-minuti tal-laqgħa li fiha tkun ittieħdet id-deċiżjoni.

(3) Meta ssir dikjarazzjoni lill-Awtorità skont is-subartikolu (1), dettalji tad-dikjarazzjoni għandhom jiġu reġistrati fil-minuti tal-laqgħa li fiha tkun saret dik id-dikjarazzjoni.

(4) Meta persuna li għalija jkun japplika s-subartikolu (1) tonqos milli tagħmel id-dikjarazzjoni meħtieġa, l-Awtorità għandha tiddeċiedi dwar l-azzjoni xierqa li għandha tittieħed li tista' tinkludi t-tneħħija mill-kariga jew it-tmiem tal-kuntratt tal-persuna konċernata.

(5) Salv għal dak li jkun meħtieġ jew permess għall-finijiet ta' dan l-Att, jew waqt li tkun qed tittieħed azzjoni dwar xi reat li jkun twettaq fir-rigward ta' xi disposizzjoni ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra jew ta' xi regolamenti li jsiru taħthom, l-Awtorità u l-impjegati tagħha jkunu, waqt it-twettiq tal-funzjonijiet jew id-doveri tagħhom taħt dan l-Att, marbuta bid-disposizzjonijiet tal-Att dwar is-Segretezza Professjonali, u m'għandhom jagħtu ebda informazzjoni dwar xi applikant jew xi benefiċċji li jkunu ngħataw lil xi applikant mingħajr il-kunsens bil-mitkub ta' dak l-applikant jew kif xort'oħra permess bil-liġi. Kap. 377.

Hatra u funzjonijiet ta' uffiċjali u impjegati tal-Awtorità.

19. L-Awtorità għandha taħtar u timpjega, b'dik ir-rimunerazzjoni u taħt dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li tista' tistabbilixxi skont l-artikolu 17, dawk l-uffiċjali u impjegati l-oħra tal-Awtorità li minn żmien għal żmien ikunu meħtieġa għall-qadi xieraq u effiċjenti tal-funzjonijiet tal-Awtorità.

Allokazzjoni ta' uffiċjali pubbliċi għal dmirijiet mal-Awtorità.

20. (1) Il-Prim Ministru jista', b'talba tal-Awtorità, minn żmien għal żmien jordna li xi uffiċjal pubbliku jiġi allokat għal dmirijiet mal-Awtorità f'dik il-kariga u b'seħħ minn dik id-data li tista' tiġi speċifikata fid-direttiva tal-Prim Ministru.

(2) Il-perijodu li matulu direttiva kif hawn qabel imsemmi għandha tapplika għal xi uffiċjal speċifikat fiha, kemm-il darba l-uffiċjal ma jirtirax mis-servizz pubbliku, jew xort'oħra ma jkomplix fil-kariga f'data qabel, jew kemm-il darba perijodu differenti ma jiġix speċifikat f'dik id-direttiva, għandu jintemm malli tiġri xi waħda mill-ġrajjiet li ġejjin, jiġifieri:

(a) l-aċċettazzjoni minn dak l-uffiċjal ta' offerta ta' trasferiment għas-servizz ta', u impjieg permanenti mal-Awtorità skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 22; jew

(b) ir-revoka ta' dik id-direttiva mill-Prim Ministru,

dwar dak l-uffiċjal:

Iżda għar-rigward ta' uffiċjal pubbliku li jiġi inkarigat jagħmel dmirijiet mal-Awtorità b'seħħ minn dik id-data li l-Prim Ministru jista' jistabbilixxi b'ordni kif imsemmi hawn aktar qabel, l-inkarigu ta' dak l-uffiċjal pubbliku għandu jintemm milli jibqa' jseħħ wara sena mid-data effettiva ta' dik l-ordni, kemm-il darba dik l-ordni ma tiġix revokata aktar kmieni mill-Prim Ministru.

(3) Meta direttiva kif hawn aktar qabel imsemmi tiġi revokata mill-Prim Ministru dwar xi uffiċjal, il-Prim Ministru jista' b'direttiva oħra, jalloka lil dak l-uffiċjal għal dmirijiet mal-Awtorità f'dik il-kariga u b'seħħ minn dik id-data li tista' tiġi speċifikata fid-direttiva tal-Prim Ministru, u d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) għandhom malli jsir dan japplikaw dwar il-perijodu ta' tul ta' kull direttiva oħra bħal dik dwar dak l-uffiċjal.

Stat ta' uffiċjali pubbliċi allokati fuq dmirijiet mal-Awtorità.

21. (1) Meta xi uffiċjal pubbliku jiġi allokat fuq dmirijiet mal-Awtorità skont xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 17, dak l-uffiċjal għandu, matul dak iż-żmien li fih dik id-direttiva tkun isseħħ dwaru, ikun taħt l-awtorità amministrattiva u l-kontroll tal-Awtorità, iżda dan għandu għall-finijiet u effetti kollha jibqa' u jitqies u jiġi trattat bħala uffiċjal pubbliku.

(2) Bla preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, uffiċjal allokat fuq dmirijiet kif hawn aktar qabel imsemmi -

(a) m'għandux matul iż-żmien li dwaru jkun hekk allokat -

(i) ikun imċaħħad milli japplika għal trasferiment f'dipartiment tal-Gvern skont il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tas-servizz marbuta mal-ħatra mal-Gvern li hu jkollu fid-data li fiha jkun ġie hekk allokat fuq dmirijiet; jew

(ii) jirċievi rimunerazzjoni u jkun soġġett għal kondizzjonijiet tas-servizz li jkunu anqas favorevoli minn dawk marbuta mal-ħatra mal-Gvern li hu jkollu f'dik id-data jew li jistgħu jkunu marbuta ma' dik il-ħatra matul il-perijodi msemmija, kieku dak l-uffiċjal ma kienx imqabbad jaqdi dmirijiet mal-Awtorità; u

(b) ikollu l-jedd li s-servizz tiegħu mal-Awtorità jkun meqjus bħala servizz mal-Gvern għall-finijiet ta' xi pensjoni,
Kap. 93. gratifikazzjoni, jew benefiċċju taħt l-Ordinanza dwar il-
Kap. 58. Pensjonijiet, u l-Att dwar il-Pensjonijiet lin-Nisa Romol u Tfal

Iltiema, u għall-finijiet ta' kull jedd jew privileġġ ieħor li kien ikollu dritt għalih, u jkun soġġett għal kull responsabbiltà li kien ikun responsabbli għaliha, kieku ma kienx il-fatt li hu ġie allokat għal dmirijiet mal-Awtorità.

(3) Meta ssir applikazzjoni kif provdut fis-subartikolu (2)(a)(i) din għandha tiġi kkunsidrata daqslikieku l-applikant ma ġiex allokat għal servizz mal-Awtorità.

(4) L-Awtorità għandha tħallas lill-Gvern dawk il-kontribuzzjonijiet li minn żmien għal żmien jiġu stabbiliti mill-Ministru responsabbli għall-finanzi dwar in-nefqa minħabba l-pensjonijiet u l-gratifikazzjonijiet dovuti lil uffiċjal allokat għal dmirijiet mal-Awtorità kif hawn aktar qabel imsemmi matul iż-żmien li fih ikun hekk allokat.

Offerta ta' impjieg permanenti mal-Awtorità lil uffiċjali pubbliċi allokati għal dmirijiet mal-Awtorità.

22. (1) L-Awtorità tista', bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru, toffri lil kull uffiċjal allokat għal dmirijiet mal-Awtorità skont xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 20 impjieg permanenti mal-Awtorità b'rimunerazzjoni u taħt dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet mhux anqas favorevoli minn dawk li jkollu dak l-uffiċjal fid-data ta' dik l-offerta.

(2) Il-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta' kull impjieg permanenti offrut mill-Awtorità taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) m'għandhomx jitqiesu li jkunu anqas favorevoli minħabba biss li ma jkunux fid-dettalji kollha bħal dawk jew ogħla minn dawk, li jkollu dak l-uffiċjal fid-data ta' dik l-offerta, jekk dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet, meħuda flimkien, fil-fehma tal-Prim Ministru joffru b'mod sostanzjali benefiċċji li jkunu ndaqs jew akbar.

(3) Kull uffiċjal li jaċċetta impjieg permanenti mal-Awtorità li jiġi offert lilu skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandu, għall-finijiet kollha ħlief dawk tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet u tal-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema, u bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 41 ta' dan l-Att, jitqies li jkun temm milli jkun fis-servizz tal-Gvern u li jkun daħal fis-servizz tal-Awtorità fid-data ta' l-aċċettazzjoni tiegħu, u għall-finijiet ta' l-imsemmija Ordinanza u tal-imsemmi Att, safejn japplikaw għalih, servizz mal-Awtorità għandu jitqies bħala servizz mal-Gvern fit-tifsiriet li hemm fihom rispettivament.

Kap. 93.
Kap. 58.

(4) Kull uffiċjal bħal dak kif hawn qabel imsemmi li, minnufih qabel ma jaċċetta impjieg permanenti mal-Awtorità kellu dritt jibbenefika taħt l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema, għandu jibqa' hekk ikompli jkollu d-dritt jibbenefika taħtu għall-finijiet kollha bħallikieku s-servizz tiegħu mal-Awtorità kien servizz mal-Gvern.

Kap. 58.

(5) L-Awtorità għandha tħallas lill-Gvern dawk il-kontribuzzjonijiet li minn żmien għal żmien jiġu stabbiliti mill-Ministru responsabbli għall-finanzi dwar in-nefqa għall-pensjonijiet u gratifikazzjonijiet dovuti lil uffiċjal li jkun aċċetta impjieg permanenti mal-Awtorità kif hawn qabel imsemmi matul il-perijodu li jibda fid-data tal-aċċettazzjoni ta' dak l-uffiċjal.

(6) Fil-każ ta' uffiċjal pubbliku inkarigat jagħmel dmirijiet mal-Awtorità b'seħħ mid-data stabbilita taħt il-proviso għall-artikolu 20(2)(b) u li sussegwentement jaċċetta impjieg permanenti mal-Awtorità, id-disposizzjonijiet ta' qabel għandhom jibqgħu japplikaw bla ħsara għad-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu.

Kap. 93. (7) Għall-finijiet tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, l-emolumenti pensjonabbli mal-irtirar ta' xi uffiċjal pubbliku li għalih ikun japplika s-subartikolu (6) għandhom jitqiesu li jkunu l-emolumenti pensjonabbli li jitħallsu lil xi uffiċjal fis-servizz tal-Gvern fi grad u f'livell inkrementali li jikkorrispondi għall-kariga u livell inkrementali li jkollu l-uffiċjal fid-data meta jirtira minn mal-Awtorità.

(8) (a) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-karigi u l-gradi salarjali tal-Awtorità għandhom ikunu klassifikati kemm jista' jkun b'mod korrispondenti mal-gradi u livelli inkrementali fis-servizz mal-Gvern ta' Malta b'riferenza għad-deskrizzjoni tal-kariga, ħila fis-sengħa, responsabbiltà u fatturi oħra bħal dawn.

(b) Il-klassifikazzjoni msemmija fil-paragrafu (a) għandha ssir minn bord magħmul minn president li jiġi maħtur mill-Ministeru responsabbli għall-finanzi u minn żewġ membri oħra, wieħed maħtur mill-Ministeru responsabbli għall-affarijiet li għandhom x'jaqsmu b'mod ġenerali mal-persunal fis-servizz pubbliku u wieħed maħtur mill-Awtorità. Il-klassifikazzjoni tkun soġġetta għall-approvazzjoni finali tal-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(ċ) Dik il-klassifikazzjoni għandha tintgħamel fi żmien tliet xhur minn kull aġġustament ta' salarji ta' impjegati fis-servizz tal-Gvern u, jew ta' impjegati tal-Awtorità.

(d) Ebda kariga m'għandha tiġi klassifikata fi grad ogħla minn dak ta' Grad 3 fis-servizz tal-Gvern jew f'dak il-grad li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta.

(e) Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 113 tal-Kostituzzjoni, ħadd ma jista', wara klassifikazzjoni bħal dik
Kap. 93. imsemmija, ikollu jedd għal xi dritt taħt l-imsemmija Ordinanza dwar

il-Pensjonijiet li jkun anqas favorevoli minn dawk li kieku kien ikollu jedd għalihom qabel dik il-klassifikazzjoni.

23. L-Awtorità tista' tingaġġa lil dawk il-konsulenti u persuni hekk kif hija tista' tikkunsidra li jkun meħtieġ biex jgħinuha twettaq il-funzjonijiet tagħha. Ingaġġ ta' konsulenti u ta' persuni oħra.

TAQSIMA V

DISPOSIZZJONIJIET FINANZJARJI

24. (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, l-Awtorità għandha hekk tmexxi l-affarijiet tagħha li n-nefqa meħtieġa għat-twettiq xieraq tal-funzjonijiet tagħha għandhom jitħallsu, daqstant kemm ikun prattikabbli, mid-dħul tagħha. L-Awtorità tħallas l-infiq mid-dħul tagħha.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1) l-Awtorità għandha tiġbor kull dritt, rata u ħlas ieħor ordnat jew meqjus li jkun ordnat minn jew taħt dan l-Att jew kull liġi oħra li tkun tipprovdi għal ħwejjeġ li jkollhom x'jaqsmu mas-setgħat u l-funzjonijiet vestiti fl-Awtorità b'dan jew taħt dan l-Att.

(3) L-Awtorità għandha wkoll tiġi mħallsa mill-Gvern mill-Fond Konsolidat dawk l-ammonti ta' flus li l-Parlament jista' minn żmien għal żmien jawtorizza li jiġu approprjati biex minnhom jitħallsu l-ispejjeż ta' xogħlijiet speċifikati li għandhom jitkomplew jew inkella jintgħamlu mill-Awtorità, li jkunu xogħlijiet ta' infrastruttura jew ta' xorta kapitali bħal dik.

(4) Bla ħsara għal dawk id-direttivi li l-Ministru jista' jagħti minn żmien għal żmien, wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, kull eċċess ta' dħul fuq l-infiq għandu ikun applikat mill-Awtorità għall-formazzjoni ta' fondi ta' riserva li jintużaw għall-għanijiet tal-Awtorità. Bla preġudizzju għall-ġeneralità tas-setgħat mogħtija lill-Ministru li jagħti direttivi taħt dan is-subartikolu, kull direttiva mogħtija mill-Ministru kif imsemmi hawn aktar qabel tista' tordna t-trasferiment lill-Gvern, jew l-applikazzjoni b'dak il-mod li jista' jiġi speċifikat fid-direttiva, ta' xi sehem mid-drittijiet, rati u ħlasijiet oħra miġbura skond is-subartikolu (2).

(5) Kull fond tal-Awtorità li ma jkunx minnufih meħtieġ għall-ħlas tal-infiq jista' jiġi investit b'dak il-mod li jista' minn żmien għal żmien jiġi approvat mill-Ministru.

25. (1) Biex taqdi kull funzjoni tagħha skont dan l-Att, l-Awtorità tista', bl-approvazzjoni bil-miktub mogħtija wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, tissellef jew Setgħa ta' self jew ġbir ta' kapital.

tiġbor flus b'dak il-mod, mingħand dik il-persuna, korp jew awtorità, u taħt dawk il-patti u kondizzjonijiet li l-Ministru, wara konsultazzjoni kif hawn qabel imsemi, jista' japprova bil-miktub.

(2) L-Awtorità tista' wkoll, minn żmien għal żmien, tissellef, b'*overdraft* jew xort'oħra, dawk l-ammonti ta' flus li tista' tkun teħtieġ għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att:

Iżda għal kull ammont li jkun jeċċedi miljun euro (€1,000,000) għandha tkun meħtieġa l-approvazzjoni tal-Ministru bil-miktub.

Avvanzi mill-Gvern.

26. Il-Ministru reponsabbli għall-finanzi jista', wara konsultazzjoni mal-Ministru, jgħaddi lill-Awtorità dawk is-somom li huwa jaqbel li jkunu meħtieġa mill-Awtorità biex taqdi kull funzjoni tagħha taħt dan l-Att, u jista' jgħaddi dawk is-somom taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li, wara l-imsemmija konsultazzjoni, jidhrulu xierqa. Is-somom kollha bħal dawk jistgħu jiġu mgħoddija mill-Ministru responsabbli għall-finanzi mill-Fond Konsolidat, u mingħajr approprjazzjoni oħra ħlief dan l-Att, b'*warrant* iffirmat minnu li jawtorizza lill-*Accountant General* biex jgħaddi dawk is-somom.

Self mingħand il-Gvern.

27. (1) Il-Ministru reponsabbli għall-finanzi jista', għal kull ħtieġa tal-Awtorità ta' xorta kapitali, jikkuntratta jew joħloq kull self, jew jinkorri kull obbligu, għal dawk il-perijodi u b'dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li huwa jista' jqis xierqa; u kull ammont ta' flus dovut għar-rigward jew b'konnessjoni ma' xi self jew obbligu bħal dawk għandu jinħareġ mill-Fond Konsolidat.

(2) Għandu jingħata kemm jista' jkun malajr lill-Kamra tad-Deputati avviż ta' kull self jew obbligu magħmul jew somom li jiġu mgħoddija taħt id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu.

(3) Sakemm jinħoloq xi self bħal dak imsemmi fis-subartikolu (1), jew bil-għan li l-Awtorità tiġi provduta b'kapital finanzjarju, il-Ministru reponsabbli għall-finanzi jista', permezz ta' ordni li tkun iġġib il-firma tiegħu, u mingħajr ebda approprjazzjoni oħra ħlief dan l-Att, jawtorizza lill-*Accountant General* li jgħaddi flus lill-Awtorità mit-*Treasury Clearance Fund* taħt dawk il-pattijiet li jistgħu jiġu speċifikati mill-Ministru meta dawn isiru.

(4) Ir-rikavat ta' kull self maħluq għall-għanijiet li jiġu mgħoddija flus lill-Awtorità, u kull flejjes oħra li jridu jiġu mgħoddija lill-Awtorità taħt dan l-artikolu, għandhom jitħallsu ġo fond imwaqqaf speċjalment għaldaqshekk u li jkun magħruf bħala "Fond ta' Self għall-Awtorità għat-Trasport f'Malta".

(5) L-ammonti ta' flus li l-*Accountant General* jirċievi mill-Awtorità għar-rigward ta' flus li jiġu mgħoddija lill-Awtorità taħt is-subartikolu (3) għandhom jitħallsu fit-*Treasury Clearance Fund* u ammonti ta' flus li jkun irċieva l-*Accountant General* bħala mgħax fuq dawk l-avvanzi għandhom jitħallsu fil-Fond Konsolidat.

Estimi tal-Awtorità.

28. (1) L-Awtorità għandha tieħu ħsieb tħejji f'kull sena finanzjarja, u għandha mhux aktar tard minn erba' ġimgħat qabel it-tmiem ta' dik is-sena tadotta, estimi ta' dħul u nfiq tal-Awtorità għas-sena finanzjarja li tiġi wara, fejn tagħżel, b'mod partikolari, bejn kull wieħed minn dawk id-Direttorati li jkunu ġew imwaqqfa taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att:

Iżda l-estimi għall-ewwel sena finanzjarja tal-Awtorità għandhom jitħejjew u jiġu adottati sa dak iż-żmien li l-Ministru jista' b'avviż bil-miktub lill-Awtorità jispeċifika.

(2) Fit-tħejjija ta' dawk l-estimi l-Awtorità għandha tikkunsidra kull fond u flejjes oħra li jkollhom jitħallsu lilha mill-Fond Konsolidat matul is-sena finanzjarja rilevanti, sew bis-saħħa ta' dan l-Att sew b'att ta' approprjazzjoni jew b'xi liġi oħra; u l-Awtorità għandha wkoll tħejji l-imsemmija estimi hekk li tiżgura li d-dħul totali tal-Awtorità jkun għall-anqas biżżejjed biex jitħallsu s-somom kollha li għandhom jitħallsu mill-kont tad-dħul tagħha, magħdud, iżda bla ħsara għall-ġeneralità ta' dik it-tifsira, id-deprezzament.

(3) L-estimi għandhom isiru f'dik il-forma u għandu jkun fihom dak it-tagħrif u dawk il-paraguni mas-snin ta' qabel kif jista' jordna l-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(4) Kopja tal-estimi għandha, malli dawn jiġu adottati mill-Awtorità, tintbagħat minnufih lill-Ministru u lill-Ministru reponsabbli għall-finanzi.

(5) Il-Ministru għandu, mal-ewwel opportunità, u mhux aktar tard minn sitt ġimgħat wara li jkun irċieva kopja tal-estimi mingħand l-Awtorità, japprova dawk l-estimi sew b'xi emendi sew mingħajr emendi wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi.

L-infiq ikun skont l-estimi approvati.

29. (1) Ma jista' jsir ebda nfiq mill-Awtorità kemm-il darba ma jkunx sar provediment għalih fl-estimi approvati kif provdut fl-artikolu 28.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu -

(a) sakemm jgħaddu sitt xhur mill-bidu ta' sena finanzjarja, jew sakemm ikun hemm l-approvazzjoni tal-estimi

għal dik is-sena mill-Kamra, skont liema tkun l-ewwel data, l-Awtorità tista' tagħmel infiq biex taqdi l-funzjonijiet tagħha skont dan l-Att ta' mhux aktar b'kollox minn nofs l-ammont approvat għas-sena finanzjarja ta' qabel;

(b) infiq approvat dwar kap jew sottokap tal-estimi jista', bl-approvazzjoni tal-Ministru mogħtija wara konsultazzjoni mal-Ministru reponsabbli għall-finanzi, isir dwar kap jew sottkap ieħor tal-estimi;

(ċ) dwar l-ewwel sena finanzjarja, l-Awtorità tista' tagħmel infiq sakemm jiġu approvati l-estimi għal dik is-sena ta' mhux iżjed b'kollox mill-ammonti li l-Ministru reponsabbli għall-finanzi jista' wara konsultazzjoni mal-Ministru, jippermetti;

(d) jekk dwar xi sena finanzjarja jinsab li l-ammont approvat fl-estimi ma jkunx biżżejjed jew tinqala' l-ħtieġa għal infiq li ma jkunx provdut għalih fl-estimi, l-Awtorità tista' tadotta estimi supplimentari għall-approvazzjoni tal-Ministru u f'kull każ bħal dak id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att li japplikaw għall-estimi għandhom japplikaw kemm jista' jkun prattikabbli għall-estimi supplimentari.

Pubblikazzjoni ta' estimi approvati.

30. Il-Ministru għandu, mal-ewwel opportunità, iżda mhux aktar tard minn tmien ġimgħat wara li hu jkun irċieva kopja tal-estimi u tal-estimi supplimentari tal-Awtorità, jew jekk f'xi żmien matul dak il-perijodu l-Kamra tad-Deputati ma tkunx qed tiltaqa', fi żmien tmien ġimgħat mill-bidu tas-sessjoni li tiġi minnufih wara, jieħu ħsieb li dawk l-estimi jitqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati.

Kontijiet u verifika.

31. (1) L-Awtorità għandha tieħu ħsieb li żżomm kontijiet xierqa u *records* oħra dwar ix-xogħol tagħha, u għandha tieħu ħsieb li tħejji dikjarazjoni ta' kontijiet dwar kull sena finanzjarja.

(2) Il-kontijiet tal-Awtorità għandhom jiġu verifikati minn uditur jew udituri nominati mill-Awtorità u approvati mill-Ministru:

Iżda l-Ministru reponsabbli għall-finanzi jista', wara konsultazzjoni mal-Ministru, jeħtieġ li l-kotba u l-kontijiet tal-Awtorità jiġu verifikati jew eżaminati mill-Awditur Ġenerali li għal dan il-għan ikollu s-setgħa li jagħmel kull verifika fiżika u l-verifiki l-oħra li jidhirlu meħtieġa.

(3) L-Awtorità għandha mhux aktar tard minn tliet xhur wara li tispiċċa kull sena finanzjarja tara li kopja tad-dikjarazzjoni tal-kontijiet verifikata kif imiss tintbagħat lill-Ministru u lill-Ministru responsabbli għall-finanzi flimkien ma' kopja ta' kull rapport

magħmul mill-uditur fuq dak il-prospett jew il-kontijiet tal-Awtorità.

(4) Il-Ministru għandu jieħu ħsieb li kopja ta' kull dikjarazzjoni u rapport bħal dawk jitqiegħdu quddiem il-Kamra kemm jista' jkun prattikament malajr.

32. (1) Il-flejjes kollha miġbura mill-Awtorità għandhom jitqiegħdu f'bank jew f'banek maħtura bħala bankiera tal-Awtorità b'riżoluzzjoni tal-Awtorità. Dawk il-flejjes għandhom, safejn dan jista' jsir, jitħallsu f'dak il-bank minn ġurnata għall-oħra, ħlief dik is-somma li l-Awtorità tista' tawtorizza li tinżamm biex jitħallsu l-ispejjeż żgħar u ħlasijiet ta' flus li jsiru fil-pront. Depożitu ta' dħul u ħlasijiet mill-Awtorità.

(2) Il-ħlasijiet kollha mill-fondi tal-Awtorità, barra minn spejjeż żgħar li ma jkunux aktar minn somma stabbilita mill-Awtorità, għandhom isiru minn dak l-uffiċjal jew minn dawk l-uffiċjali tal-Awtorità li l-Awtorità tista' taħtar jew issemmi għal hekk.

(3) Ċekkijiet kontra u rtirar minn kull kont tal-bank tal-Awtorità għandhom ikunu ffirmati minn dak l-uffiċjal tal-Awtorità li jista' jiġi maħtur jew imsemmi għal hekk mill-Awtorità u għandhom ikunu kontrofirmati miċ-*Chairperson* jew minn dak il-membru jew uffiċjal ieħor tal-Awtorità kif jista' jiġi awtorizzat mill-Awtorità għal hekk.

(4) L-Awtorità għandha wkoll tipprovdi dwar -

(a) il-mod li bih u l-uffiċjal jew l-uffiċjali li minnhom għandhom jiġu awtorizzati jew approvati l-ħlasijiet;

(b) l-isem ta' kull kont miżmum mal-bank jew banek li fihom il-flus tal-Awtorità għandhom jitħallsu, u t-trasferiment ta' fondi minn kont għal ieħor;

(ċ) il-metodu li għandu jintuża fil-ħlasijiet mill-fondi tal-Awtorità, u b'mod ġenerali dwar kull ħaġa li għandha x'taqsam mat-tiżmin u kontroll xieraq ta' kontijiet u kotba, u l-kontroll tal-finanzi, tal-Awtorità.

33. Mingħajr preġudizzju għal kull direttiva mogħtija mill-Ministru taħt l-artikolu 11(2), l-Awtorità m'għandhiex tagħti jew tidħol f'xi kuntratt għall-provvista ta' oġġetti jew materjal jew għall-esekuzzjoni ta' xogħlijiet, jew għall-prestazzjoni ta' servizzi, għall-Awtorità jew għall-vantaġġ tagħha, ħlief skont ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ dwar il-ksib tal-oġġetti u s-servizzi kollha fis-settur pubbliku. Kuntratti għall-provvista ta' oġġetti jew xogħlijiet.

34. L-Awtorità għandha, mhux aktar tard minn tliet xhur wara Rapport annwali.

li tispiċċa kull sena finanzjarja, tagħmel u tibgħat lill-Ministru u lill-Ministru responsabbli għall-finanzi rapport li jkun b'mod ġenerali jittratta dwar l-attivitajiet tal-Awtorità matul dik is-sena finanzjarja, li jiddistingwi, b'mod partikolari, bejn kull wieħed minn dawk id-Direttorati hekk kif jista' jiġi stabbilit taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u li jkun fih dak it-tagħrif dwar it-tmexxija u l-linja tal-politika tal-Awtorità hekk kif xi wieħed mill-Ministri msemmija jista' jkun jeħtieġ minn żmien għal żmien. Il-Ministru għandu jara li titqiegħed kopja fuq il-Mejda tal-Kamra malajr kemm jista' jkun.

Eżenzjoni mit-taxxa.

35. L-Awtorità tkun ħielsa minn kull obbligu għall-ħlas ta' taxxa fuq id-dħul u taxxa tal-boll taħt kull liġi li tkun fis-seħħ f'dak iż-żmien.

TAQSIMA VI

TRASFERIMENT TA' ĊERTI ASSI LILL-AWTORITÀ

Trasferiment ta' assi lill-Awtorità.

36. (1) (a) Il-proprjetà u l-impriżi li huma tal-Awtorità Marittima ta' Malta jew tal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta jew tad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili u li kienu qegħdin jintużaw minn xi wieħed jew waħda minnhom minnufih qabel id-data tal-bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att, jew li huma tal-Gvern u huma użati minn xi waħda mill-imsemmija Awtoritajiet jew mill-imsemmi Dipartiment qabel l-imsemmija data, għat-tħaddim ta' xi waħda mill-funzjonijiet li b'dan l-Att qegħdin jiġu trasferiti lil jew vestiti fl-Awtorità għandhom, fid-data hawn aktar qabel imsemmija, bis-saħħa ta' dan l-Att u mingħajr ebda sigurtà oħra, jiġu hekk trasferiti lil u vestiti fl-Awtorità taħt l-istess titolu li bih kienu użati jew inżammu mill-Awtorità Marittima ta' Malta jew mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta jew mid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili minnufih qabel id-data msemmija.

(b) L-assi immobbli li minn żmien għal żmien ikunu speċifikati f'ordni magħmul mill-President ta' Malta u pubblikat fil-Gazzetta (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-assi immobbli") li jkunu assi immobbli li minnufih qabel id-data tal-bidu fis-seħħ tal-Att tal-2000 li jemenda l-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta kienu proprjetà tal-Gvern u li huwa kien juża biex jeżerċita xi waħda mill-funzjonijiet li b'dan l-Att qegħdin jiġu trasferiti lil jew vestiti fl-Awtorità għandhom b'seħħ minn dik id-data li tista' tiġi speċifikata f'xi Ordni bħal dak, u bis-saħħa ta' dan l-Att u mingħajr ebda sigurtà oħra jiġu trasferiti lil jew jiġu vestiti fl-Awtorità taħt l-istess titolu li bih huma kienu nżammu mill-Gvern qabel id-data msemmija.

(2) It-trasferiment u l-għoti lill-Awtorità kif hawn aktar qabel imsemmija għandhom jestendu għal dik il-proprjetà u dawk l-

impriżi kollha u, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità hawn aktar qabel imsemmija, għandhom jinkludu kull impjant, tagħmir, apparat, strumenti, vetturi, vapuri, inġenji, xtut, mollijiet, *piers*, bankini, bini, strutturi, stallazzjonijiet, art, toroq, xogħlijiet, ħażniet u proprjetà oħra, sew mobbli, sew immobbli, assi, setgħat, jeddijiet u privileġġi u kull ħaġa meħtieġa jew anċillari għalihom jew li tkun lilhom tappartjeni, kif ukoll kull obbligu li jolqot jew ikollu x'jaqsam ma' xi proprjetà jew impriża minn dawk hawn aktar qabel imsemmija jew ħaġa oħra hemm inkluża kif imsemmi aktar qabel:

Iżda fir-rigward ta' ajrudromi, toroq, xtut, mollijiet, *piers* u bankini, l-imsemmija trasferiment u għoti lill-Awtorità kif hawn aktar qabel imsemmija ma jestendux għall-proprjetà tagħhom iżda jkunu limitati għall-użu, amministrazzjoni u tħaddim tagħhom, inkluż kull benefiċċju li jinkiseb minn dak l-użu, amministrazzjoni u tħaddim, bla ħsara għall-obbligu tal-Awtorità li tagħmel manutenzjoni, safejn dik il-manutenzjoni ma tkunx ir-responsabbiltà tal-Kunsilli Lokali skont l-ewwel proviso għall-artikolu 6(4)(b), u żżomm kull proprjetà bħal dik, u għall-finijiet tal-artikoli 37 u 38 dik il-proprjetà għandha titqies li tkun inkluża f'kull proprjetà trasferita lill-Awtorità b'dan l-Att jew taħtu.

(3) Il-Ministru jista' b'Ordni fil-Gazzetta minn żmien għal żmien ivesti fl-Awtorità kull art li l-Gvern ikollu sabiex l-Awtorità tkun tista' tibni xi ajrudrom, triq, port, xatt, moll, *pier* jew bankina fuqha, u d-disposizzjonijiet tal-proviso għas-subartikolu (2) għandhom japplikaw għal kull art hekk vestita mill-Ministru taħt dan is-subartikolu.

37. (1) Bla ħsara għal disposizzjonijiet oħra ta' dan l-Att, kull liġi, regola, regolament, ordni, sentenza, digriet, deċiżjoni, kuntratt, rabta, kuntratt, ftehim, strument, dokument, mandat u kull arranġament ieħor, eżistenti minnufih qabel id-data tal-bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att li jolqtu jew għandhom x'jaqsmu ma' proprjetà jew impriża trasferita lill-Awtorità b'dan l-Att jew taħtu u li fihom il-Gvern jew awtorità tal-gvern tkun parti minnha jew tkun imsemmija fiha għandhom iseħħu u jkollhom effett sħiħ kontra jew favur l-Awtorità, u għandhom jiġu esegwiti għal kollox liberament u effettivament, b'mod li bħallikieku minflok il-Gvern jew awtorità tal-gvern, l-Awtorità kienet imsemmija fihom jew kienet parti fihom, u xort'oħra b'sostituzzjoni tal-Gvern jew awtorità tal-gvern.

Kif jiftehmu liġijiet, eċċ.

(2) Kull riferenza f'xi liġi għall-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta jew għall-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku jew għall-Awtorità Marittima ta' Malta jew għad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili għandha tinqara u tiftiehem bħala riferenza għall-Awtorità kif

imfissra fl-artikolu 2 u għandha tinkludi riferenza għal kull Direttorat imwaqqaf taħt dan l-Att, kif jista' jinħtieġ il-każ.

Disposizzjonijiet transitorji.

38. (1) Kull ħaġa relatata ma' xi proprjetà jew impriża jew xi dritt jew obbligu trasferiti lill-Awtorità b'dan l-Att jew taħtu li tkun inbdiet minn jew taħt l-awtorità tal-Gvern, tal-Awtorità Marittima ta' Malta jew tal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta jew tad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att, dik il-ħaġa tista' titkompla u tintemm mill-Awtorità jew kif jiġi awtorizzat minnha f'dik id-data jew wara dik id-data.

(2) Meta minnufih qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att, ikun hemm pendenti xi proċedimenti legali relatati ma' xi proprjetà jew impriżi, jew xi dritt jew obbligu trasferiti lill-Awtorità b'dan l-Att jew taħtu u li fihom il-Gvern, l-Awtorità Marittima ta' Malta jew l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta jew id-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili ikun, jew ikollu jedd ikun parti, l-Awtorità għandha, mid-data hawn aktar qabel imsemmija, tidħol f'dawk il-proċedimenti minflok il-Gvern, jew minflok l-Awtoritajiet jew Dipartiment kif imsemmija hawn aktar qabel, skond ma jkun il-każ, jew issir parti fihom bl-istess mod li kieku l-Gvern, xi waħda minn dawk l-Awtoritajiet jew Dipartiment kien isir parti kif imsemmi hawn aktar qabel, u dawk il-proċedimenti ma għandhomx jiġu effettwati minħabba sostituzzjoni bal dik.

(3) Il-Ministru jista' b'ordni jagħmel dawk id-disposizzjonijiet inċidentali, konsegwenzjali u supplimentari li jidhru meħtieġa jew spedjenti sabiex jistabbilixxi, kif xieraq, l-attiv trasferit lill-Awtorità b'dan l-Att, u sabiex jiżgura u jagħti effett sħiħ għat-trasferiment ta' kull proprjetà jew impriża, jew kull dritt jew responsabbiltà tal-Awtorità skont dan l-Att u jista' jagħmel dawk l-ordnijiet li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex xi setgħat u dmirijiet eżerċitati mill-Gvern, mill-Awtorità Marittima ta' Malta jew mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta jew mid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili dwar xi proprjetà jew impriża trasferita jsiru eżerċitabbli minn jew f'isem l-Awtorità.

TAQSIMA VII

KUMITATI TA' TMEXXIJA

Ħatra u funzjonijiet tal-kumitati ta' tmexxija.

39. (1) Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Awtorità, b'Ordni pubblikata fil-Gazzetta u b'seħħ minn dik id-data jew dati kif jistgħu jiġu stabbiliti f'dik l-Ordni, jaħtar fir-rigward ta' kull Direttorat li jista' jkun twaqqaf taħt dan l-Att, Kumitat ta' Tmexxija li jkun magħmul minn *Chairperson* u dawk il-membri l-oħra msemmija fl-Ordni. Il-Kumitat ikollu dawk is-setgħat eżekuttivi u, jew konsultattivi kif jista' jingħad fl-Ordni kif jista' jiddeċiedi l-Ministru

wara konsultazzjoni mal-Awtorità.

(2) Il-membri tal-Kumitat ta' Tmexxija għandhom jibqgħu fil-kariga għal dak iż-żmien u b'dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li l-Ministru jista' jiddeċiedi fl-Ordni kif imsemmi hawn aktar qabel.

(3) Id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (5)(a), (6) u (9) tal-artikolu 5 għandhom ikunu *mutatis mutandis* japplikaw għall-membri tal-kumitati ta' tmexxija.

(4) Kull kumitat ta' tmexxija għandu jżomm il-minuti ta' kull laqgħa li jagħmel u jgħaddi kopja ta' dawk il-minuti lill-Awtorità. Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 13 għandhom ikunu *mutatis mutandis* japplikaw għall-kumitat u għall-atti jew għall-proċedimenti tiegħu.

TAQSIMA VIII

TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA

40. (1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva jkollu l-kompetenza li jisma' u jiddeċiedi: Dritt ta' appell. Kap. 490.

(a) appelli magħmulin minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni tal-Awtorità li tiċħad milli tagħti jew iġġedded, jew li tissospendi jew li tirrevoka liċenza, jew li timponi kondizzjonijiet, limitazzjonijiet jew esklużjonijiet f'liċenza; u

(b) appelli magħmulin minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'xi piena amministrattiva jew ta' xort'oħra imposta fuq dik il-persuna mill-Awtorità.

(2) Dawk il-proċedimenti li minnufih qabel jiġi fis-seħħ dan l-artikolu jkunu pendenti quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Trasport imwaqqaf bl-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, Kap. 332. għandhom, b'effett mill-1 ta' Settembru, 2009, jiġu assenjati lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva msemmi f'dan l-artikolu għad-deċiżjoni tiegħu u minn hemm 'il quddiem għandhom jiġu regolati bid-disposizzjonijiet tat-Taqsima III tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva.

(3) Għandu jkun hemm dritt ta' appell skond d-disposizzjonijiet tat-Taqsima IV tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva minn deċiżjonijiet tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva taħt is-subartikoli (1) u (2) u dak l-appell isir quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri).

TAQSIMA IX

MIXXELLANI

Persuni meqjusa uffiċjali pubbliċi. Kap. 9.

41. Il-membri tal-Awtorità, il-membri tal-Kumitati ta' Tmexxija u l-uffiċjali u l-impjegati kollha tal-Awtorità għandhom jitqiesu li huma uffiċjali u impjegati pubbliċi skont it-tifsira tal-Kodiċi Kriminali.

Liċenzjar ta' attivitajiet.

42. (1) Sakemm ma jiġix preskritt mod ieħor, ħadd ma għandu jwettaq jew jidħol f'xi operazzjoni kummerċjali jew impriża ta' trasport bl-ajru, bil-baħar jew stradali, jew iwettaq xi attività jew operazzjoni kummerċjali biex jipprovdi servizzi lil dik l-impriża jew operazzjoni kemm-il darba dik il-persuna ma jkollhiex liċenza, permess jew awtorizzazzjoni oħra maħruġa mill-Awtorità taħt dan l-Att.

(2) Kull min iwettaq jew jidħol f'xi operazzjoni, impriża jew attività bħal dik mingħajr liċenza jew li jaġixxi bi ksur ta' xi kondizzjoni ta' dik il-liċenza, ikun ħati ta' reat u jista' jeħel meta jinstab ħati multa ta' -

(a) mhux anqas minn €25 u mhux aktar minn €50,000 fir-rigward ta' reati marbuta ma' trasport stradali,

(b) mhux anqas minn €25 u mhux aktar minn €150,000 għal reati marbuta ma' trasport marittimu, u

(ċ) mhux anqas minn €1,500 u mhux aktar minn €250,000 għal reati marbuta mal-avjazzjoni ċivili,

jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn erbgħa u għoxrin xahar, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.

Setgħa ta' għemil ta' regolamenti.

43. (1) Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Awtorità, jagħmel regolamenti għar-rigward ta' kull waħda mill-funzjonijiet tal-Awtorità jew b'rabta ma' xi materja li għandha x'taqsam mat-trasport stradali, bil-baħar jew bl-ajru.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (1), ir-regolamenti taħt dan l-artikolu jistgħu, b'mod partikolari fir-rigward ta' trasport stradali u vetturi, jipprovdu -

(a) għar-reġistrazzjoni ta' vetturi bil-mutur jew vetturi oħra u l-għoti, tiġdid, trasferiment, sospensjoni u tħassir ta' liċenzi dwar vetturi bil-mutur jew vetturi oħra, is-sewwieqa tagħhom, l-impjegati tat-trasport pubbliku, garaxxijiet tal-kiri tal-karrozzi, trasport ta' passiġġieri jew merkanzija b'kiri jew bi

ħlas, u għal dawk il-liċenzi l-oħra dwar vetturi bil-mutur jew vetturi oħra u min jużahom kif jista' jinħtieġ;

(b) biex jipprovdu għal kif għandha ssir applikazzjoni għall-għoti, tiġdid jew trasferiment ta' liċenzi jew ta' xi klassi minnhom, jew iżjed minn klassi waħda, għal dak li għandu jkun hemm fl-applikazzjoni, għal kif dawk il-liċenzi għandhom jingħataw, jiġġeddu jew jiġu trasferiti; l-għamla li biha dawn il-liċenzi għandhom jinħarġu, x'għandu jkun fihom, u kif it-tiġdid jew it-trasferiment għandhom jintwerew;

(ċ) biex jistabbilixxu kemm għandhom idumu jiswew liċenzi jew klassi minnhom jew iżjed minn klassi waħda;

(d) biex jipprovdu sabiex ikun żgurat li liċenzi jew xi klassi minnhom jew iżjed minn klassi waħda jagħlqu f'jum jew fil-jiem imsemmijin;

(e) biex jippreskrivu li xi klassi min-nies bil-liċenza jew iżjed minn klassi waħda għandhom ikollhom fuqhom *badges* li jingħarfu sewwa kif jista' jiġi speċifikat, biex jistabbilixxu d-drittijiet li għandhom jitħallsu għal dawk il-*badges* u biex jaħsbu għal ħwejjeġ oħra dwar hekk;

(f) biex jippreskrivu s-servizzi li għandhom jingħataw minn vettura tat-trasport pubbliku, il-ħin, il-mod u l-kondizzjonijiet li fihom jew taħthom dawk is-servizzi għandhom jingħataw u l-post minn fejn ordnijiet, ftehim jew arranġamenti oħra għal dawk is-servizzi għandhom jingħataw jew isiru, u biex jeħtieġu t-tqassim fost is-sidien ta' vetturi tat-trasport pubbliku, jew ta' dik il-parti minnhom kif jista' jiġi ordnat fir-regolamenti, tan-nolijiet kollha, drittijiet u riċevuti oħra miġbura minnhom, bil-mod, bil-patti u bil-kondizzjonijiet preskritti fir-regolamenti;

(g) għall-bini, tagħmir, stat u manutenzjoni ta' vetturi bil-mutur jew vetturi oħra u dwar l-eżami kull tant żmien tagħhom minn esperti uffiċjali;

(h) għall-klassifikazzjoni ta' vetturi bil-mutur jew vetturi oħra skont l-użu tagħhom kif approvat mill-Awtorità;

(i) biex jiġi ordnat il-wiri ta' xi tagħrif fil-parti ta' ġewwa ta' vetturi bil-mutur jew vetturi oħra;

(j) biex jiġu stabbiliti r-reġistri li għandhom jinżammu minn persuni b'liċenza ta' vetturi tat-trasport pubbliku, u t-

tagħrif li għandu jingħata minn dawn il-persuni;

(k) għall-kontroll, restrizzjoni jew projbizzjoni tal-passaġġ jew il-waqfien ta' vetturi bil-mutur jew vetturi oħra minn jew fuq xi triq, sqaq, pjazza jew post ieħor ta' mogħdija pubblika;

(l) dwar *pedestrian crossings* u għar-restrizzjoni jew il-kontroll tal-moviment tal-*pedestrians* fi, matul jew min-naħa għall-oħra ta' xi triq, sqaq, pjazza jew post ieħor ta' mogħdija pubblika;

(m) b'mod ġenerali għall-kontroll jew l-użu stradali ta' vetturi bil-mutur jew vetturi oħra u biex jiġi regolat it-traffiku ta' vetturi bil-mutur jew vetturi oħra;

(n) għall-immaniġġar u s-superviżjoni ta' servizzi ta' trasport pubbliku u għaż-żamma u l-infurzar ta' dixxiplina fuq dawk is-servizzi;

(o) għall-kondizzjonijiet ta' xogħol fis-servizzi tat-trasport pubbliku għall-ħarsien tal-interessi ta' impjegati tat-trasport pubbliku;

(p) biex jistabbilixxu liema drittijiet għandhom jinġabru dwar l-għoti, tiġdid jew trasferiment ta' liċenzi jew ta' xi klassi minnhom jew ta' iżjed minn klassi waħda, sew billi jgħidu mill-ewwel kemm għandu jitħallas jew billi jgħidu kif l-għadd tal-ħlas għandu jinħadem; u biex jaħsbu għal drittijiet li għandhom jinġabru dwar perijodi maqtugħin:

Iżda regolamenti taħt dan il-paragrafu jistgħu jistabbilixxu l-anqas u l-ogħla dritt li għandu jinġabar dwar liċenzi jew xi klassi minnhom jew iżjed minn klassi waħda, u meta jsir hekk l-għadd tad-dritt li għandu jinġabar f'kull każ għalih għandu jiġi stabbilit mill-Awtorità fid-diskrezzjoni tagħha;

(q) biex jipprovdu dwar ir-radd lura ta' drittijiet, jew ta' xi sehem minnhom, imħallsin bis-saħħa tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti li jsiru taħtu;

(r) biex jippreskrivu tariffa ta' nolijiet dwar vetturi u servizzi tat-trasport pubbliku;

(s) biex jistabbilixxu d-drittijiet għall-provdiment ta' xi servizz jew l-immaniġġar ta' servizz mill-Awtorità jew minn xi persuna f'isimha jew taħt l-awtorità, inkluż, mingħajr

preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak kollu hawn aktar qabel imsemmi, kull dritt jew ħlasijiet oħra għal xi servizz li jkollu x'jaqsam mar-regolament ta' xi attività mill-Awtorità;

(t) għall-għemil ta' xi depożitu jew l-għoti ta' xi garanzija sabiex jiġi żgurat it-twettiq ta' xi obbligu li xi persuna jista' jkollha impost fuqha bħala kundizzjoni ta' xi permess, awtorizzazzjoni jew liċenza taħt dan l-Att;

(u) biex jirregolaw it-trasport pubbliku u t-trasport ta' merkanzija b'mod ġenerali, inkluż l-għemil ta' kodi?ijiet ta' prattika li għandhom jiġu osservati dwar xi ħaġa minn persuni involuti f'dawk l-attivitajiet;

(v) għas-setgħat u d-doveri tal-uffiċjali, impjegati u, jew kuntratturi maħtura mill-Awtorità.

(3) Bla preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (1), ir-regolamenti taħt dan l-artikolu jistgħu, b'mod partikolari fir-rigward ta' ħwejjeġ marittimi, jipprovdu għall-manutenzjoni, kontroll u tmexxija tal-ibħra territorjali u interni ta' Malta, għall-ġarr ta' passiġġieri u trasport ta' merkanzija bil-baħar, għall-immaniġġar ta' kull port jew ċentru tal-jottijiet u l-art u l-baħar li jkunu fil-viċinanza ta' kull port jew ċentru tal-jottijiet u biex tinżamm il-bon ordni fihom u b'mod partikolari, iżda bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi, dawk ir-regolamenti jistgħu jsiru għall-għanijiet kollha li ġejjin jew għal xi wieħed minnhom:

(a) għaż-żamma tal-bon ordni f'kull parti tal-ibħra territorjali u interni ta' Malta, f'kull port u fl-art u fil-baħar li jkunu fil-viċinanzi ta' kull port, u fuq il-mollijiet, u għal kull għan ieħor dwar dawn;

(b) biex jiġi regolat t-traffiku fil-limiti ta' port jew l-art u l-baħar fil-viċinanzi tiegħu;

(ċ) biex jiġi regolat l-użu tal-irmiġġi, l-istazzjonijiet u l-ankraġġi li għandhom ikunu okkupati minn bastimenti u t-tneħħija ta' bastimenti minn irmiġġ, stazzjon jew ankraġġ għal ieħor, u ż-żmien li matulu dik it-tneħħija għandha ssir;

(d) biex jiġu regolati bastimenti waqt li jkunu jgħabbu jew iniżżlu ekwipaġġ, passiġġieri, merkanzija jew saborra, skond il-każ, jew waqt li jkunu qegħdin jieħdu l-*fuel* jew ħażniet;

(e) biex jinżammu passaġġi liberi ta' dik il-wisa' li

titqies meħtieġa, f'xi port u matul, fuq jew ħdejn il-*piers*, bankini, postijiet ta' żbark, xtut, mollijiet, baċiri, rmiġġi u xogħlijiet simili li jkunu fihom jew imissu magħhom jew ma' postijiet oħra bħalhom, u biex jimmarkaw sabiex jibqgħu hekk liberi;

(f) biex tiġi regolata, kontrollata u ipprojbita l-preżenza ta' kull persuna f'xi post jew bini f'port jew l-użu minn xi persuna ta' dak il-post jew bini;

(g) biex jiġu regolati l-ankraġġ, l-irbit, l-irmiġġ u t-tneħħija tal-irmiġġ u t-tmexxija bil-ġbid ta' gerlin ta' bastimenti u l-użu ta' gerlini, bażi ħ?all-irmiġġ, ankri, ktajjen u rmiġġi oħra f'xi port;

(h) biex jiġi regolat it-traffiku, l-evitar ta' ingombru u ż-żamma tal-ordni fuq kull arja, pier, bankina, post ta' żbark, xatt, moll u baċir f'port jew fl-art u l-baħar tal-viċinanzi tiegħu u sabiex ikun żgurat ħarsien mill-periklu ta' kull wieħed mill-imsemmija postijiet u xogħlijiet;

(i) biex jiġi regolat l-użu ta' nirien u dwal u s-sinjali li għandhom jintużaw bi nhar u bil-lejl u l-miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' nar f'port;

(j) biex jiġi regolat l-użu ta' dwal ta' navigazzjoni jew dwal tas-sinjali minn bastimenti, l-użu ta' bnadar u sinjali li jintużaw minn bastimenti li jaslu, ikunu fi jew li jitilqu minn port u l-użu minn bastimenti ta' sfafar tal-istim, sireni tal-istim u strumenti oħra bħal dawn;

(k) biex jiġu projbiti t-tlaqqix, it-tqaxxir, it-tħaddim bil-makna jew it-tiswija fuq bastimenti, skond il-każ, ħlief f'dawk l-ankraġġi jew postijiet stabbiliti mill-Awtorità;

(l) biex jiġi regolat il-galleġġar ta' kull ħaġa f'xi port jew fil-viċinanzi ta' xi port u t-tfiegħ jew id-depożitu ta' xi korp mejjet, saborra, żibel, ħaġa oħra fl-ibħra territorjali jew interni ta' Malta, jew f'xi port jew viċinanzi ta' xi port;

(m) biex jiġu definiti oġġetti perikolużi, riskjużi, infjammabbli, esplożivi jew ta' ħsara, jiġu regolati l-movimenti u l-ankraġġ ta' bastimenti li jkollhom fuqhom dawk l-oġġetti u biex ikunu preskritti d-dmirijiet ta' kaptani ta' kull bastiment bħal dawn u ta' persuni mqabbdin fi jew li jissorveljaw it-tagħbija, il-ħatt, l-iżbark u t-trasport ta' kull oġġett bħal dawn;

(n) biex ma jitħallewx isiru, biex jitneħħew u biex ikunu mmarkati ostakoli f'xi port u l-viċinanzi tiegħu u biex jitħares u jkun kontrollat it-tniġġiż miż-żejt u sustanzi oħra, jew b'xi mod ieħor, ta' kull port u l-viċinanzi tiegħu;

(o) biex jiġi regolat it-tqegħid u l-manutenzjoni ta' rmiġġi u bagi f'xi port;

(p) biex jittieħdu miżuri biex bastimenti ma jitħallewx jitilqu minn xi port jekk ikunu mgħobbija ż-żejjed, mgħobbija mhux kif imiss, jew jekk xort'oħra mhux tajbin biex ibaħħru, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' kull liġi dwar bastimenti merkantili;

(q) biex bastimenti, passiġġieri u merkanzija jiġu protetti, u biex jitneħħew bastimenti u l-merkanzija tagħhom u l-oġġetti li għandhom x'jaqsmu magħhom li jkunu qegħdin jingumbraw jew li x'aktarx jingumbraw xi port, biex jitħallsu lura l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu ma' dan, u l-imposizzjoni u l-ġbir ta' kera biex il-buk ta' bastiment jew bastimenti mġarrfa jew fdalitjiet ta' bastiment mgħarraq jitħallew qiegħda f'xi port jew fil-viċinanzi tiegħu;

(r) biex jiġu regolati, dikjarati u mfissra x-xtut, il-mollijiet, il-baċiri, *piers* u postijiet fil-portijiet, li minnhom jew fuqhom persuni jitniżżlu jew jitgħabbew u oġġetti jkunu imbarkati jew żbarkati;

(s) biex jiġi regolat il-mod li bih, u l-kondizzjonijiet li taħthom it-tagħbija u l-ħatt ta' bastimenti, u t-tagħbija jew ħatt bi braken, l-immaniġġar u l-ħażna ta' oġġetti, magħduda l-konsenja minn maħżen, għandhom isiru;

(t) biex jiġi regolat l-użu ta' mħażen, xtut, mollijiet, baċiri, *piers* u postijiet oħra fil-portijiet li fuqhom jew minnhom oġġetti jkunu imbarkati jew żbarkati u l-imġiba ta' persuni li jieħdu sehem fl-imbark fuq jew fl-iżbark minn bastiment f'xi port;

(u) biex jeħtieġu u jirregolaw l-użu ta' liċenza lil persuna biex tkun aġent ta' bastiment, il-kondizzjonijiet li taħthom tinħareġ dik il-liċenza u l-ġbir ta' pagament li għandu jsir għall-ħruġ ta' dik il-liċenza, u b'mod ieħor biex jirregolaw u jikkontrollaw l-attivitajiet ta' aġenti tal-bastimenti u persuni li jirrappreżentaw sidien ta' bastimenti safejn dawk l-attivitajiet ikunu dwar bastimenti li jistgħu jkunu jew li kienu f'port;

(v) biex jiġi regolat il-mod li bih bastimenti li jitħallew qiegħda f'port, għal aktar minn dak iż-żmien permess mill-Awtorità, jew li jitħallew jew għal kollox waħedhom jew mingħajr ekwipaġġ biżżejjed fuqhom, għandhom ikunu trattati u x'isir minnhom;

(w) biex tiġi regolata kull ħaġa minn dan li ġej:

(i) it-tneħħija ta' oġġetti li jitħassru jew li ma jintalbux biex jintraddu lura u li jkunu jinsabu f'xi port;

(ii) il-projbizzjoni ta' tipjip f'kull parti ta' xi port jew fil-viċinanzi tiegħu;

(iii) il-bejgħ ta' oġġetti f'kull parti ta' xi port;

(x) biex jiġu regolati ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' portiera, dawk li jġorru u ħaddiema oħra li jkunu impjegati fil-limiti ta' port, il-ħruġ ta' liċenzi għat-twettiq ta' dak ix-xogħol u kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam mad-dixxiplina ta' dawk il-ħaddiema:

Iżda x-xogħol tal-portiera tal-bagalji jkun taħt it-treġija u l-kontroll tal-Awtorità:

Iżda wkoll il-Gvern jew l-Awtorità ma jagħmlu tajjeb għall-ebda telf jew ħsara li jsiru waqt it-tagħbija, ħatt jew trasbord ta' bagalji minn portier tal-bagalji li jkollu liċenza;

(y) biex jipprovdu għall-għoti, tiġdid, tħassir u sospensjoni ta' liċenzi dwar vapuri użati għall-ġarr ta' passiġġieri u t-trasport ta' merkanzija bil-baħar;

(z) biex jipprovdu dwar l-istabbiliment u r-regolamentazzjoni ta' nolijiet li jistgħu jinġabru għall-ġarr ta' passiġġieri u t-trasport ta' merkanzija bil-baħar;

Kap. 234. (aa) mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti taħt l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, biex jipprovdu għal ħtiġiet addizzjonali dwar ir-regolamentazzjoni u l-liċenzjar ta' sewwieqa ta' vapuri li jaħdmu fil-ġarr ta' passiġġieri u t-trasport ta' merkanzija jew persuni oħra impjegati fit-tħaddim ta' dawk il-vapuri;

(bb) wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, biex jiġi regolat kull aspett li jkollu x'jaqsam mal-użu ta' radjukomunikazzjonijiet minn bastimenti merkantili;

(ċċ) biex tiġi preskritta kull ħaġa li b'dan l-Att tista' jew għandha tkun preskritta jew li għandha x'taqsam ma' xi funzjoni jew dmir tal-Awtorità mogħtija lilha b'dan l-Att jew taħtu jew b'xi liġi oħra jew taħtha.

(4) Sabiex jilħaq aħjar l-għanijiet ta' dan l-Att fir-rigward ta' materji dwar l-avjazzjoni ċivili, il-Ministru jista', b'regolament jew ordni, jipprovdi kif jidhirlu meħtieġ jew spedjenti -

(a) biex tkun applikata jew tinġieb fis-seħħ kull konvenzjoni internazzjonali jew kull ftehim ieħor internazzjonali dwar l-avjazzjoni ċivili li tiegħu l-Gvern ikun jew ikun biħsiebu jsir parti;

(b) b'mod ġenerali biex tkun regolata n-navigazzjoni fl-ajru;

(ċ) biex tiġi preskritta jew biex jiġi provdut għal kull ħaġa li għandha jew li tista' tiġi ordnata taħt dan l-Att jew taħt l-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili;

(d) biex jiġi implimentat kull obbligu tal-Komunità Ewropea f'dak li għandu x'jaqsam mat-trasport bl-ajru jew mal-avjazzjoni ċivili;

(e) għar-reġistrazzjoni tal-inġenji tal-ajru u ipoteki fuq inġenji tal-ajru f'Malta;

(f) għall-projbizzjoni ta' inġenji tal-ajru milli jtiru jekk ma jkunx hemm dwarhom ċertifikati li huma tajbin biex itiru maħruġa jew validati skont ir-regolamenti jew l-ordni u ħlief bit-tħaris ta' dawk il-kondizzjonijiet dwar manutenzjoni u tiswija li jiġu speċifikati fir-regolamenti jew fl-ordni;

(g) għall-għoti ta' liċenza, għall-ispezzjonar u għar-regolamentazzjoni ta' ajrudromi, għad-dħul f'fabbriki tal-inġenji tal-ajru sabiex jiġi spezzjonat xogħol li jsir fihom dwar inġenji tal-ajru jew partijiet u għall-projbizzjoni jew regolamentazzjoni tal-użu ta' ajrudromi mingħajr liċenza;

(h) għall-projbizzjoni ta' persuni milli jaħdmu fi, jew milli jkunu impjegati b'konnessjoni ma', navigazzjoni fl-ajru f'dawk il-karigi li jiġu spe?ifikati fir-regolamenti jew fl-ordni ħlief skont id-disposizzjonijiet dwar hekk li jkunu jinsabu fir-regolamenti jew fl-ordni, u għall-għoti ta' liċenzi lil dawk li jkunu impjegati f'ajrudromi fl-ispezzjonar jew fis-sorveljenza ta' inġenji tal-ajru;

(i) dwar il-kondizzjonijiet li taħthom, u b'mod partikolari l-ajrudromi li għalihom jew minnhom, inġenji tal-ajru li jaslu jew jitilqu minn Malta jistgħu jtiru, u dwar il-kondizzjonijiet li taħthom inġenji tal-ajru jistgħu jtiru minn parti għall-oħra ta' Malta;

(j) dwar il-kondizzjonijiet li taħthom passiġġieri u merkanzija jistgħu jinġarru bl-ajru u li taħthom inġenji tal-ajru jistgħu jintużaw għal skopijiet oħra kummerċjali, industrijali u ta' qligħ, u dwar il-projbizzjoni ta' ġarr bl-ajru ta' merkanzija ta' dawk il-klassijiet li jiġu speċifikati fir-regolamenti jew fl-ordni;

(k) biex jitnaqqas jew jiġi evitat tfixkil fl-użu jew fl-effikaċja ta' apparat użat b'konnessjoni man-navigazzjoni tal-ajru u għall-projbizzjoni jew regolamentazzjoni tal-użu tal-imsemmi apparat u l-wiri ta' sinjali u dwal li x'aktarx jipperikolaw l-inġenji tal-ajru;

(l) b'mod ġenerali biex jiġu żgurati l-ħarsien mill-periklu, l-effiċjenza u r-regolarità tan-navigazzjoni fl-ajru u l-ħarsien mill-periklu ta' inġenji tal-ajru u ta' persuni u proprjetà u, b'mod partikolari, biex jinżammu inġenji tal-ajru għal kull wieħed mill-għanijiet speċifikati f'dan il-paragrafu;

(m) biex persuni li jaħdmu fi, jew huma impjegati fi jew b'konnessjoni ma', in-navigazzjoni fl-ajru jkunu meħtieġa jagħtu informazzjoni meterjoloġika għall-finijiet tan-navigazzjoni fl-ajru;

(n) biex jiġi regolat l-għemil ta' sinjali jew komunikazzjonijiet oħra minn jew lil inġenji tal-ajru jew minn jew lil persuni li jinġarru fihom;

(o) sabiex jiġi stabbilit kull distintiv u biex jiġi regolat l-użu ta' kull distintiv li jkun diġà stabbilit sew b'regolamenti jew b'ordni jew xort'oħra, għall-finijiet li għandhom x'jaqsmu man-navigazzjoni fl-ajru;

(p) għall-projbizzjoni ta' inġenji tal-ajru milli jtiru fuq dawk l-inħawi ta' Malta li jiġu speċifikati fir-regolamenti jew fl-ordni;

(q) dwar il-mod u l-kondizzjonijiet tal-ħruġ, validazzjoni, tiġdid, estensjoni jew tibdil ta' kull ċertifikat, liċenza jew dokument ieħor meħtieġ bir-regolamenti jew bl-ordni (inklużi l-eżamijiet u l-provi li għandhom isiru), u dwar il-

forma, il-kustodja, il-produzzjoni, it-tħassir, is-sospensjoni, il-kontrosenjar u l-għoti lura ta' kull dokument bħal dak;

(r) biex jiġu regolati d-drittijiet li għandhom jintalbu għall-użu ta' ajrudromi u ta' servizzi mogħtija f'dawk l-ajrudromi;

(s) sabiex jiġu ordnati d-drittijiet li għandhom jitħallsu dwar il-ħruġ, il-validazzjoni, it-tiġdid, l-estensjoni jew it-tibdil ta' kull ċertifikat, liċenza jew dokument ieħor jew dwar kull eżami jew test meħtieġ bir-regolamenti jew bl-ordni u dwar il-ħwejjeġ l-oħra kollha li dwarhom fil-fehma tal-Ministru jkun spedjenti għall-fini tar-regolamenti jew tal-ordni li jintalbu drittijiet;

(t) biex jiġu eżentati mid-disposizzjonijiet tar-regolamenti jew tal-ordni jew ta' xi wħud minnhom kull inġenju tal-ajru jew persuni jew xi klassi ta' inġenju tal-ajru jew persuni.

(5) Regolamenti jew ordnijiet magħmulin skont is-subartikolu (4) jistgħu, għall-fini li jiġi żgurat it-tħaris tad-disposizzjonijiet tagħhom, jipprovdu għall-impożizzjoni ta' pieni li ma jkunux aktar minn multa ta' mitt elf euro (€100,000) jew piena ta' aktar minn elf u ħames mitt euro (€1,500) għal kull jum li fih jibqa' għaddej ir-reat u priġunerija għal żmien ta' sitt xhur, u, fil-każ ta' xi disposizzjoni li jkollha effett bis-saħħa tas-subartikolu (4)(l), jistgħu wkoll għal dak il-għan jipprovdu għat-teħid ta' dawk il-miżuri (inklużi l-isparar fuq inġenji tal-ajru) kif jista' jiġi spe?ifikat fir-regolamenti jew fl-ordni.

(6) Regolamenti jew ordnijiet magħmulin skont dan l-artikolu jistgħu, għall-fini tal-implimentazzjoni u l-infurzar xierqa tagħhom, jipprovdu dwar l-għoti tas-setgħa lill-Awtorità li tidħol u tagħmel tfittxija f'kull fond, li tkun tista' tara kull dokument rilevanti f'kull forma li jkun, li teħtieġ li kull persuna tipprovdilha kull informazzjoni rilevanti, li tagħmel spezzjonijiet fil-post, li toħroġ ordni lil persuni biex dawn jieqfu milli jagħmlu xi ħaġa li tikkostitwixxi ksur ta' dan l-Att jew ta' regolament jew ordni magħmulin taħtu, u li jitolbu mingħand persuni garanzija li jieqfu milli jkomplu jagħmlu xi ħaġa minn dawk u li jippubblikaw kull garanzija bħal dik u kull deċiżjoni tal-Awtorità li jkollhom x'jaqsmu ma' dawk ir-regolamenti jew ordnijiet.

(7) B'mod ġenerali, il-Ministru jista' jagħmel regolamenti wkoll biex jipprovdu għad-dixxiplina tal-impjegati tal-Awtorità jew tal-kuntrattur, sew jekk regolari jew każwali, u l-proċeduri li għandhom jitħarsu għal dan il-għan, magħduda l-ħatra ta' bord ta'

dixxiplina u t-tmexxija u l-proċedura tiegħu, u biex jipprovdu għall-penalitajiet li jistgħu jingħataw minn dak il-bord.

Setgħa tal-Ministru li jagħmel regolamenti dwar reati kriminali.

44. Bla preġudizzju għal kull disposizzjoni speċjali oħra ta' dan l-Att, il-Ministru jista', wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità, jagħmel regolamenti li jippreskrivu pieni għal reati kriminali kontra kull regolament li jsir taħt dan l-Att, u dawn ir-regolamenti jistgħu:

(a) jistipulaw pieni ta' priġunerija u multi differenti għal reati differenti;

(b) jippreskrivu multi kalkolati skond it-tul ta' żmien tal-għemil tar-reat:

Iżda dawk ir-regolamenti m'għandhomx ikunu jipprovdu għal:

(i) perijodu ta' priġunerija ta' aktar minn tmintax-il xahar jew għal multa ta' aktar minn mitt elf euro (€100,000), jew

(ii) elf u ħames mitt euro (€1,500) għal kull jum li fih jibqa' għaddej ir-reat.

L-għan ta' regolamenti jew ordnijiet.

45. Regolamenti jew ordnijiet taħt dan l-Att jistgħu jagħmlu disposizzjonijiet differenti dwar klassijiet differenti ta' inġenji tal-ajru, ajrudromi, portijiet, bastimenti, dgħajjes, jottijiet, persuni jew proprjetà li għandha x'taqsam magħhom jew dwar ċirkostanzi differenti u dwar partijiet differenti ta' Malta.

Ċaħda tal-għoti jew tiġdid, sospensjoni jew revoka ta' liċenza.

46. (1) L-Awtorità tista' tiċħad li tagħti jew iġġedded liċenza, jew, f'kull ħin, li tissospendi liċenza għal perijodu speċifiku jew tirrevokaha.

(2) L-Awtorità tista' tiċħad li tagħti liċenza jekk tkun sodisfatta għal raġunijiet ġustifikati li -

(a) l-applikant ikun ippreżenta informazzjoni fl-applikazzjoni għal liċenza jew b'konnessjoni ma' dik l-applikazzjoni li tkun falza jew li tiżgwida, jew

(b) l-applikant ikun kiser xi disposizzjoni ta' dan l-Att jew ta' xi Att ieħor li jirregola t-trasport jew traffiku jew regolamenti li jsiru taħthom.

(3) L-Awtorità tista' tiċħad li ġġedded liċenza jekk tkun sodisfatta għal raġunijiet ġustifikati li d-detentur tal-liċenza -

(a) ikun għadda informazzjoni fl-applikazzjoni għat-

tiġdid tal-liċenza jew b'konnessjoni ma' dik l-applikazzjoni li tkun falza jew li tiżgwida, jew

(b) ikun kiser xi disposizzjoni ta' dan l-Att jew ta' xi Att ieħor li jirregola t-trasport jew traffiku jew regolamenti li jsiru taħthom,

(ċ) ma jkunx għadu persuna kapaċi jew adatta biex tipprovdi servizz li għalih tkun ingħatat liċenza.

(4) Meta l-Awtorità tkun sodisfatta li d-detentur ta' liċenza jkun instab ħati ta' kondotta ħażina waqt l-għoti tas-servizz jew li kiser xi disposizzjoni ta' dan l-Att jew ta' xi Att ieħor li jirregola t-trasport u t-traffiku jew regolamenti li jsiru taħthom, hija tista' tissospendi l-liċenza għal perijodu speċifiku jew tista' tirrevokaha.

(5) Meta l-Awtorità tkun qed tipproponi li tiċħad li tagħti jew iġġedded liċenza, jew li tissospendi jew tħassar liċenza, hija għandha tavża b'dan lill-applikant jew lid-detentur tal-liċenza, tagħti r-raġunijiet għal dik iċ-ċaħda, sospensjoni jew revoka u għandha tikkunsidra kull osservazzjoni li ssir bil-miktub mill-applikant jew mid-detentur tal-liċenza fi żmien erbatax-il jum minn dik in-notifika.

(6) Jekk l-Awtorità, wara li tkun qieset dawk l-ilmenti jew x'uħud minnhom, tiddeċiedi li tiċħad li tagħti jew iġġedded liċenza jew li tissospendi jew tirrevoka l-liċenza, hija għandha tavża lill-applikant jew lid-detentur bid-deċiżjoni tagħha u tagħti r-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni li tkun ser twassal għal dik is-sospensjoni jew revoka u tinformah dwar il-proċedura biex ikun jista' jsir appell minn dik id-deċiżjoni.

Pieni amministrattivi.

47. (1) L-Awtorità jkollha s-setgħa li timponi fir-rigward ta' kull persuna li tikser xi disposizzjoni ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin taħtu, jew li tonqos li tosserva xi direttiva jew deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità, piena amministrattiva u tuża dawk il-proċedimenti li jistgħu jiġu stabbiliti f'dan l-Att jew regolamenti li jsiru taħtu.

(2) Piena amministrattiva imposta taħt is-subartikolu (1) m'għandhiex tkun aktar minn mitt elf euro (€100,000) għal kull kontravenzjoni jew elf u ħames mitt euro (€1,500) għal kull ġurnata li jibqa' ma jissodisfax, mid-data tad-deċiżjoni tal-Awtorità.

Eżenzjoni mill-Ministru.

48. Il-Ministru jista' jeżenta mid-disposizzjoinijiet ta' dan l-Att jew kull regolament, direttiva jew ordni li ssir taħtu, jew minn xi waħda minnhom, kull inġenju tal-ajru jew bastiment, dgħajsa jew jott jew persuna jew klassijiet ta' inġenju tal-ajru, bastiment, dgħajsa jew jott jew persuni.

Riservi.

49. (1) Il-kliem "Awtorità Marittima ta' Malta" kull fejn dawn jinsabu f'xi liġi jew regolament ieħor għandhom jinbidlu bil-kliem "Awtorità għat-Trasport f'Malta" mingħajr il-ħtieġa ta' xi emenda oħra.

(2) Il-kliem "Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta" kull fejn dawn jinsabu f'xi liġi jew regolament ieħor għandhom jinbidlu bil-kliem "Awtorità għat-Trasport f'Malta" mingħajr il-ħtieġa ta' xi emenda oħra.

(3) Minflok il-kliem "Direttur Eżekuttiv", "Diretturi Eżekuttivi", "Direttur" u "Diretturi", kull fejn dawn jinsabu f'regolamenti magħmulin taħt l-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta, għandhom jidħlu l-kliem "Awtorità" u kull tifsira ta' "Uffiċjal Eżekuttiv", "Diretturi Eżekuttivi", "Direttur" u "Diretturi" f'regolamenti magħmulin taħt l-istess Att għandhom jitħassru.

(4) Kull ordni, regola, *bye-law*, avviż jew strument ieħor li jkollu forza ta' liġi li jsiru taħt l-awtorità ta' xi disposizzjoni tal-liġijiet elenkati fit-Tieni Skeda għandha tkompli sseħħ u għandu jibqa' jkollha effett bħallikieku magħmula taħt dan l-Att u tista' tiġi emendata, sostitwita jew revokata skont hekk.

(5) Kull liċenza, permess, awtorità jew ordni mogħtija jew magħmula taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-liġijiet elenkati fit-Tieni Skeda, u li jkunu għadhom fis-seħħ minnufih qabel id-data li fiha jidħol fis-seħħ dan l-Att, għandhom minn dik id-data jibqgħu fis-seħħ bħallikieku kienu xi liċenza, permess, awtorità jew ordni mogħtija jew magħmula taħt disposizzjoni korrispondenti ta' dan l-Att, u kull liċenza, permess, awtorità jew ordni bħal dawk hawn aktar qabel imsemmija għandhom jiġu trattati u jsir minnhom skont hekk.

Eżenzjoni minn responsabbiltà.

50. Il-membri, uffiċjali u impjegati tal-Awtorità fl-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att jew taħt kull liġi oħra amministrata mill-Awtorità, ma jkunu responsabbli għal ebda telf jew ħsara mġarrba minn xi persuna minħabba f'xi ħaġa magħmula jew ommessa milli ssir bonafidi filwaqt tal-amministrazzjoni ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra.

Tħassir tal-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta. Kap. 332.

51. Il-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Ministru, jista' b'seħħ minn dik id-data li tista' tiġi stabbilita b'avviż fil-Gazzetta jħassar l-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għat-tħassir tad-disposizzjonijiet differenti tiegu.

Emendi ta' liġijiet oħra.

52. Il-liġijiet fl-Ewwel Kolonna tat-Tielet Skeda għandu jkollhom effett bla ħsara għall-emendi li jidhru relattivi għalihom fit-Tieni Kolonna tal-imsemmija Skeda.

53. Bla ħsara għal kull liġi oħra, f'xi stampar mill-ġdid ta' dan l-Att, ma hemmx għalfejn tkun riprodotta t-Tielet Skeda u jkun biżżejjed li jiġu riprodotti mit-Taqsima I sat-Taqsima IX u l-Ewwel u t-Tieni Skeda ta' dan l-Att: Stampar mill-ġdid.

Iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tnaqqas il-validità ta' xi ħaġa li tinsab fit-Tielet Skeda hekk mhux riprodotta.

L-EWWEL SKEDA

(Artikolu 14)

Direttorati

Bla ħsara għas-setgħat mogħtija lill-Ministru taħt l-artikolu 11, għandu jkun hemm dawn id-Direttorati li ġejjin:

1. Direttorat għal Strateġija dwar Trasport Integrat - li jkollu r-responsabbiltà għal riċerka dwar it-trasport integrat u għall-ippjanar ta' l-infrastruttura, l-iżvilupp u l-koordinament ta' linji tal-politika dwar it-trasport, l-aspetti edukattivi tat-trasport fi ħdan l-Awtorità, l-iżvilupp ta' *standards* u l-koordinament ta' affarijiet tal-Unjoni Ewropea.

2. Direttorat għall-Portijiet u l-Jottijiet - li jkollu r-responsabbiltà għall-ħarsien tal-bon ordni fl-ibħra interni u territorjali, is-sigurtà tan-navigazzjoni, il-kontroll sħiħ tax-xogħol tal-port, il-provdiment ta' ħaddiema tal-port, il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tinġiż, il-provdiment ta' pilutaġġ, faċilitajiet għat-tifi tan-nar, provvisti u ħtiġiet oħra għall-vapuri, għar-regolamentazzjoni, kontroll u t-tmexxija 'l quddiem ta' ċentri tal-jottijiet.

3. Direttorat għall-Bastimenti Merkantili - li jkollu r-responsabbiltà għar-reġistrazzjoni ta' vapuri, dgħajjes u jottijiet, il-provdiment tas-servizzi anċillari kollha u t-tmexxija 'l quddiem ta' Malta bħala ċentru marittimu internazzjonali.

4. Direttorat għat-Trasport Stradali - li jkollu r-responsabbiltà għall-provdiment ta' sistema ta' trasport integrat sew, mingħajr perikolu, ekonomiku u effiċjenti u għal-liċenzjar u r-regolamentazzjoni ta' vetturi u s-sewwieqa tagħhom u operaturi ta' trasport stradali kummerċjali.

5. Direttorat għat-Toroq u t-Traffiku - li jkollu r-responsabbiltà għall-bini, bini mill-ġdid u manutenzjoni ta' toroq, l-immaniġġar ta' traffiku u t-tmexxija 'l quddiem tas-sigurtà fit-traffiku.

6. Direttorat għall-Avjazzjoni Ċivili - li jkollu r-responsabbiltà għal dak kollu marbut mal-avjazzjoni ċivili, inklużi n-navigazzjoni fl-ajru, ir-reġistrazzjoni ta' inġenji tal-ajru u ipoteki fuq inġenji tal-ajru, il-provdiment ta' servizzi anċillari u t-tmexxija 'l quddiem ta' Malta bħala ċentru internazzjonali għar-reġistrazzjoni ta' inġenji tal-ajru u servizzi anċillari.

7. Direttorat għas-Servizzi Korporattivi - li jkollu r-responsabbiltà għall-provdiment ta' riżorsi legali, finanzjarji u umani komuni u servizzi amministrattivi li jkunu meħtieġa għat-tħaddim xieraq tal-Awtorità.

8. Direttorat għall-Infurzar - li jkollu r-responsabbiltà għall-infurzar sħiħ tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' liġijiet u regolamenti oħra li jirregolaw it-trasport stradali, bil-baħar u bl-ajru.

IT-TIENI SKEDA

(Artikolu 49)

Liġijiet

Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili, Kap. 232

Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, Kap. 332

Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta, Kap 352

IT-TIELET SKEDA

(Artikolu 52)

Emendi tal-Liġijiet

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna
Liġi	L-Emendi
Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta Kap. 352.	1. Fl-intestatura għall-Att minflok il-kliem "Awtorità Marittima ta' Malta" għandhom jidħlu l-kliem "Portijiet u Bastimenti". 2. Minflok it-titolu twil tal-Att għandu jidħol dan li ġej: "*Biex jipprovdi għat-twaqqif ta' portijiet f'Malta, għar-reġistrazzjoni u liċenzjar ta' dgħajjes u bastimenti u sabiex jirregola l-użu tagħhom fl-ibħra territorjali ta' Malta u biex jistabbilixxi drittijiet u ħlasijiet u ħwejjeġ oħra anċillari għall-bastimenti.*". 3. Minnufih qabel is-subtitolu "Preliminari" għandhom jidħlu l-kliem "TAQSIMA I". 4. Fl-artikolu 2 tiegħu - 4.1 minflok it-tifsira "l-Awtorità" għandu jidħol dan li ġej: " "l-Awtorità" tfisser l-Awtorità għat-Trasport f'Malta mwaqqfa taħt l-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta;"; 4.2 minnufih wara t-tifsira "l-Awtorità" għandhom jidħlu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "bastiment tas-sajd" tfisser bastiment li jkun qed jintuża jew li jkun reġistrat biex jintuża jew, fir-rigward ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, li jkun intenzjonat biex jintuża għal, jew b'konnessjoni ma' sajd;

"dgħajsa" tfisser opra tal-baħar żgħira, li titħaddem bl-imqadef, qlugħ, magni, jew b'mezzi oħra;";

4.3 fit-tifsira "ħlasijiet", minflok il-kliem "artikolu 39" għandhom jidħlu l-kliem "artikolu 15";

4.4 fit-tifsira "kuntrattur", minflok il-kliem "skond l-artikolu 8(3)" għandhom jidħlu l-kliem "skont l-artikolu 7(2) tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta";

4.5 fit-tifsira "drittijiet", minflok il-kliem "artikolu 39" għandhom jidħlu l-kliem "artikolu 15";

4.6. it-tifsira "Direttur Eżekuttiv" għandha titħassar;

4.7 fit-tifsira "pagamenti", minflok il-kliem "artikolu 39" għandhom jidħlu l-kliem "artikolu 15";

4.8 it-tifsiriet "sena finanzjarja" u "funzjoni" għandhom jitħassru;

4.9 minnufih wara t-tifsira "drittijiet" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Gazzetta" tfisser il-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta;";

4.10 it-tifsira "ibħra interni" għandha titħassar;

4.11 fit-tifsira "Ministru", minflok il-kliem "għall-portijiet u għall-bastimenti" għandha tidħol il-kelma "trasport";

4.12 it-tifsira "irmiġġatur" għandha titħassar;

4.13 it-tifsira "għajnuna jew servizzi ta' navigazzjoni" għandha titħassar;

4.14 it-tifsira "bdot" għandha titħassar;

4.15 fit-tifsira "port", minflok il-kliem "taħt l-artikolu 27" għandhom jidħlu l-kliem "taħt l-artikolu 3";

4.16 it-tifsira "faċilitajiet tal-port" għandha titħassar;

4.17 fit-tifsira "rati", minflok il-kliem "artikolu 39" għandhom jidħlu l-kliem "artikolu 15";

4.18 fit-tifsira "*yacht*" fit-test Malti minflok il-kelma "*yacht*" għandha tidħol il-kelma "jott"; u

4.19 fit-tifsira "ċentru tal-*yachting*" minflok il-kliem "bl-artikolu 27" għandhom jidħlu l-kliem "bl-artikolu 3" u, fit-test Malti, minflok il-kelma "*yachting*" għandhom jidħlu l-kliem "tal-jottijiet".

5. It-TAQSIMA I sat-TAQSIMA IV tiegħu għandhom jitħassru.

6. It-TAQSIMA V tiegħu għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala TAQSIMA II u l-artikolu 27 tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu 3, l-artikolu 28 tiegħu għandu jitħassar, u l-artikoli 29 sa 38 tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-artikoli 4 sa 14.

7. Minflok is-subartikolu (2) tal-artikolu 3 tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu l-postijiet speċifikati fit-Taqsimiet I u II tal-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att qegħdin jiġu b'dan dikjarati bħala portijiet; il-postijiet speċifikati fit-Taqsima III tal-imsemmija Skeda qed jiġu b'dan dikjarati bħala portijiet bl-obbligu li jintuża s-servizz ta' pilutaġġ u l-postijiet speċifikati fit-Taqsima IV tal-imsemmija Skeda qed jiġu b'dan dikjarati bħala ċentri tal-jottijiet.".

8. Minflok is-subartikolu (2) tal-artikolu 4 tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Ebda dgħajsa jew bastiment m'għandhom jintużaw għal jew b'konnessjoni ma' xi kummerċ, negozju jew żjara fl-ibħra territorjali u interni ta' Malta -

(a) jekk dik id-dgħajsa jew bastiment ma jkollhomx liċenza kif meħtieġ mill-Awtorità għal dak il-kummerċ, negozju jew żjarar; jew

(b) jekk, meta dik id-dgħajsa jew bastiment li jkunu qegħdin jintużaw bħala dgħajsa tas-sajd, ma jkollhomx liċenza għal dan l-iskop mill-Ministru reponsabbli għas-sajd.".

9. Fl-artikolu 13 tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "sakemm dak il-bastiment jibqa' Malta." għandhom jidħlu l-kliem:

"matul iż-żmien li l-bastiment jibqa' Malta:

Iżda l-aġent ta' dak il-bastiment m'għandhux jibqa' jitqies bħala l-aġent tal-bastiment kif hawn qabel imsemmi jekk is-sid tal-bastiment ikun bidel l-aġent ta' dak il-bastiment, u jkun ħatar aġent ieħor għall-bastiment biex jirrappreżenta lill-bastiment waqt li l-imsemmi bastiment ikun għadu jinsab Malta, f'liema każ, l-aġent tal-bastiment m'għandux jitqies aktar bħala l-aġent tal-bastiment mid-data tal-ħatra tal-aġent tal-bastiment sussegwenti, mis-sid tal-bastiment.".

10. Minflok il-kliem "TAQSIMA VI" tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "TAQSIMA III".

11. L-artikoli 39 sa 53 tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-artikoli 14 sa 28 rispettivament.

12. Fl-artikolu 14 tiegħu kif enumerat mill-ġdid -

12.1 fis-subartikolu (1) il-kliem "taħt l-artikolu 52" għandhom jitħassru; u

12.2 fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) minflok il-kliem "akkont ta' dak il-bastiment." għandhom jidħlu l-kliem:

"akkont ta' dak il-bastiment:

Iżda l-obbligu tal-aġent tal-bastiment għal dawk il-ħlasijiet m'għandhux jeċċedi l-massimu tal-ammont li għalih l-aġent igawdi privileġġ taħt l-artikolu 50 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili.".

13. Fl-artikolu 17 tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "l-artikolu 40" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 15".

14. Fl-artikolu 18 tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "fl-artikoli 40 u 41" għandhom jidħlu l-kliem "fl-artikoli 15 u 16".

15. Fl-artikolu 21 tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "l-artikolu 43" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 18", u minflok il-kliem "l-artikolu 41" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 16".

16. Minflok l-artikolu 21 tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jidħol dan li ġej:

"21. L-Awtorità tista' tawtorizza kull uffiċjal jew impjegat tagħha jekk kull persuna oħra titla' fuq bastiment f'port jew barra minnu, biex tistabbilixxi l-ammont li għandu b'mod xieraq jitħallas dwar dak il-bastiment.".

17. Fl-artikolu 23 tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "l-artikoli 30, 31 u 32" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikoli 5, 6 u 7".

18. Minflok l-artikolu 24 tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jidħol dan li ġej:

"24. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull rimedju ieħor li tippermetti l-liġi, jekk il-kaptan ta' bastiment li dwaru għandhom jitħallsu drittijiet, rati jew ħlasijiet li għandhom jinġabru taħt dan l-Att jiċħad jew jittraskura milli jħallas dawk id-drittijiet, rati jew ħlasijiet meta jiġi hekk mitlub, l-Awtorità tista' toħroġ ordni biex dak il-bastiment jinżamm milli jsiefer.

(2) Dawk id-drittijiet, rati jew ħlasijiet li huma ċerti, likwidi u dovuti, u li għandhom jitħallsu taħt dan l-Att għandhom, wara l-ħruġ ta' ordni mill-Awtorità biex dak il-bastiment jinżamm milli jsiefer, jikkostitwixxu u jitqiesu li huma titolu eżekuttiv favur l-Awtorità, infurzabbli esklużivament kontra l-imsemmi bastiment, għall-finijiet tal-artikolu 253 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.".

19. Fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 27 tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "l-artikolu 39" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 14".

20. Il-kliem "TAQSIMA VII" u l-artikoli 54 sa 64 tiegħu għandhom jitħassru.

21. Minflok il-kliem "TAQSIMA VIII" tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "TAQSIMA IV".

22. L-artikoli 65 sa 67 tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-artikoli 29 sa 31 rispettivament.

23. Fl-artikolu 31 tiegħu, kif enumerat mill-ġdid minnufih wara l-kliem "kif provdut" għandha tidħol il-kelma "għaliha".

24. Minflok il-kliem "TAQSIMA IX" tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "TAQSIMA V".

25. L-artikoli 68 sa 80 tiegħu għandhom rispettivament jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-artikoli 32 sa 44.

26. Fl-artikolu 32 tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37)" għandhom jidħlu l-kliem "elfejn u ħames mitt euro (€2,500)".

27. Fis-subartikolu (3) tal-artikolu 33 tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) u multa oħra ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94)" għandhom jidħlu l-kliem "elfejn u ħames mitt euro (€2,500) u multa oħra ta' mhux iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250)".

28. Fl-artikolu 34 tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75)" għandhom jidħlu l-kliem "erbat elef u seba' mija u ħamsin euro (€4,750)".

29. Minflok l-artikolu 35 tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jidħol dan li ġej:

"35. Jekk -

(a) xi bastiment jinnaviga mingħajr bdot f'ċirkostanzi li għandu jitqabbad bdot taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew regolamenti li jsiru taħtu, jew

(b) il-kaptan ta' bastiment jirrifjuta li jħares xi talba magħmula taħt dan l-Att, jew jagħmel jew ikun jaf li ikun qed jagħmel stqarrija falza bi tweġiba għal talba bħal dik,

il-kaptan ta' dak il-bastiment ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux aktar minn erbat elef u seba' mija u ħamsin euro (€4,750).".

30. Fl-artikolu 36 tiegħu, kif enumerat mill-ġdid -

30.1 fis-subartikolu (1) minflok il-kliem "ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87)" għandhom jidħlu l-kliem "ħdax-il elf u seba' mija u ħamsin euro (€11,750)"; u

30.2 minflok is-subartikolu (2) għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Kull bdot li jonqos li jħares id-disposizzjonijiet tal-artikolu 38 ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn elf u mitt euro (€1,100).".

31. Fl-artikolu 37 tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "any other person, or pilots" fit-test Ingliż għandhom jidħlu l-kliem "any other person, or who pilots"; minnufih wara l-kliem "of an offence and" fit-test Ingliż għandha tidħol il-kelma "shall", u minflok il-kliem "ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87)" għandhom jidħlu l-kliem "ħdax-il elf u seba' mija u ħamsin euro (€11,750)".

32. Fl-artikolu 38 tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minnufih wara l-kliem "of an offence and" fit-test Ingliż għandha tidħol il-kelma "shall", u minflok il-kliem "elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37)" għandhom jidħlu l-kliem "elfejn u ħames mitt euro (€2,500)".

33. Fl-artikolu 39 tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "l-artikolu 30 jew 31" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 5 jew 6", u minflok il-kliem "elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)" għandhom jidħlu l-kliem "elf u mitejn euro (€1,200)".

34. Fl-artikolu 40 tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minnufih wara l-kliem "of an offence and" fit-test Ingliż għandha tidħol il-kelma "shall", u minflok il-kliem "sitt elef u disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12)" għandhom jidħlu l-kliem "sebat elef euro (€7,000)".

35. Fl-artikolu 41 tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37)" għandhom jidħlu l-kliem "elfejn u tliet mitt euro (€2,300)".

36. Fl-artikolu 42 tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87)" għandhom jidħlu l-kliem "ħdax-il elf u sitt mitt euro (€11,600)", u minflok il-kliem "elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)" għandhom jidħlu l-kliem "elf u mitt euro (€1,100)".

37. Fl-artikolu 43 tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "taħt l-artikolu 8(3)" għandhom jidħlu l-kliem "taħt l-artikolu 7(2) tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta".

38. Minflok il-kliem "TAQSIMA X" tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "TAQSIMA VI".

39. L-artikoli 81 sa 82 tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-artikoli 45 sa 46 rispettivament.

40. Fl-artikolu 45 tiegħu, kif enumerat mill-ġdid -

40.1 fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "jew bl-Ordinanza dwar id-Drittijiet tal-Portijiet, u" għandhom jidħlu l-kliem "jew bl-Ordinanza dwar id-Drittijiet tal-Portijiet qabel ma ġiet imħassra, jew bl-Att dwar Awtorità Marittima ta' Malta qabel ma dan ġie emendat bl-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, u";

40.2 fis-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "imħassra b'dan l-artikolu għandhom, minkejja" għandhom jidħlu l-kliem "imsemmija fis-subartikolu (1), minkejja";

40.3 fis-subartikolu (5) tiegħu, minflok il-kliem "imħassra b'dan l-Att u li jkunu għadhom fis-seħħ minnufih qabel dan it-tħassir, għandhom" għandhom jidħlu l-kliem "imsemmija fis-subartikolu (1), u li jkunu għadhom fis-seħħ minnufih qabel id-dħl fis-seħħ ta' dan l-Att, għndhom"; u

40.4. is-subartikoli (4) u (5) fit-test Malti għandhom jiġu enumarti mill-ġdid bħala s-subartikoli (2) u (3).

41. Fl-artikolu 46 tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "l-artikolu 81" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 45".

42. Fl-Iskeda -

42.1 minflok il-kliem "(Artikoli 27 u 54)" għandhom jidħlu l-kliem "(Artikoli 3 u 30)";

42.2 Fit-Taqsima I tagħha, minnufih wara l-kliem "il-Gvern ta' Malta u" għandhom jidħlu l-kliem "dik li kienet".

Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija Kap. 10.

1. Fl-artikolu 2 tiegħu -

1.1. minflok it-tifsira "Awtorità Marittima ta' Malta" għandu jidħol dan li ġej:

"il-kelma "l-Awtorità" tfisser l-Awtorità għat-Trasport f'Malta mwaqqfa taħt l-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta;"; u

1.2. it-tifsiriet "dgħajsa" u "kaptan" għandhom jitħassru

2. L-artikoli 20 sa 37 tiegħu għandhom jitħassru.

3. L-artikoli 224, 229, 230, 231, 235, 236, 237 u 238 tiegħu għandhom jitħassru.

4. Fl-artikoli 226 u 228 tiegħu, minflok il-kliem "l-Awtorità Marittima ta’ Malta" għandhom jidħlu l-kliem "l-Awtorità għat-Trasport f’Malta".

Ordinanza dwar il-Ħaddiema tal-Port Kap. 171.

1. Fl-artikolu 2 tiegħu t-tifsira "Direttur" għandha titħassar u l-kliem "Direttur Eżekuttiv" jew "Direttur" kull fejn dawn jinsabu f’regolamenti li saru taħt l-imsemmija Ordinanza għandhom jinbidlu bil-kelma "Awtorità":

Iżda kull tifsira ta’ "Direttur Eżekuttiv" jew "Direttur" fir-regolamenti li saru taħt l-imsemmija Ordinanza għandha titħassar.

2. Minflok is-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Ebda persuna m’għandha tagħmilha ta’ ħaddiem tal-port jekk ma tkunx reġistrata bħal hekk mal-Awtorità, li għandha żżomm reġistru għal dak l-iskop.".

3. Fil-proviso li hemm mas-subartikolu (3) tal-artikolu 3 tiegħu minflok il-kliem "id-Direttur" għandhom jidħlu l-kliem "lill-Awtorità".

4. Fl-artikolu 5 tiegħu minflok il-kliem "mid-Direttur", "id-Direttur" jew "d-Direttur" għandhom jidħlu l-kliem "mill-Awtorità" jew "l-Awtorità".

5. Fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 9 tiegħu minflok il-kliem "mid-Direttur", kull fejn dawn jinsabu f’dak il-paragrafu, għandhom jidħlu l-kliem "mill-Awtorità".

6. Fil-paragrafu (f) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 11 tiegħu minflok il-kliem "id-Direttur" għandhom jidħlu l-kliem "l-Awtorità".

7. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 14 tiegħu minflok il-kliem "mid-Direttur" għandhom jidħlu l-kliem "mill-Awtorità".

8. Fil-paragrafu (d) tal-artikolu 17 tiegħu minflok il-kliem "lid-Direttur" għandhom jidħlu l-kliem "lill-Awtorità".

Att dwar il-Bastimenti Merkantili Kap. 234.

1. Fl-artikolu 2 tiegħu -

1.1 minflok it-tifsira "Awtorità" għandu jidħol dan li ġej:

" "l-Awtorità" tfisser l-Awtorità mwaqqfa bl-Awtorità għat-Trasport f’Malta"; u

1.2 fit-tifsira "bastiment" minflok il-kliem "puntuni u *oil rigs*" għandhom jidħlu l-kliem "puntuni, stabbilimenti li jżommu f'wiċċ l-ilma, stallazzjonijiet jew strutturi, *oil rigs*"; u l-kliem "iżda ma tinkludix biċċiet tal-baħar li jitmexxew permezz ta' mqadef" għandhom jitħassru.

2. Fl-artikolu 41 tiegħu -

2.1 fis-subartikolu (1) il-kelma "(1)" għandha titħassar; u

2.2 is-subartikolu (2) għandu jitħassar.

3. Fl-artikolu 168A tiegħu -

3.1 is-subartikoli (1), (2), (3), (4) u (5) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (2), (3), (4), (5) u (6) rispettivament;

3.2 minnufih qabel is-subartikolu (2) kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(1) Mingħajr preġudizzju għal xi tifsira oħra li tista' tingħata, ħlief għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-kliem "baħri", "baħrin"; "ekwipaġġ", "membru tal-ekwipaġġ", u "membri tal-ekwipaġġ" għandhom jinkludu kaptan ta' bastiment u kull persuna oħra li tkun qiegħdha isservi fuq bastiment.";

3.3 fis-subartikolu (4) kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "subartikolu (2)" għandhom jidħlu l-kliem "subartikolu (3)"; u

3.4 fis-subartikolu (5) kif enumerat mill-ġdid minflok il-kliem "subartikoli (2) u (3)" għandhom jidħlu l-kliem "subartikoli (3) u (4)".

4. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 363 tiegħu, minflok il-kliem "Għandu jkun hemm Reġistratur-Ġenerali ta' Bastimenti u Baħrin li l-kariga tiegħu tkun okkupata minn Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità, u" għandhom jidħlu l-kliem "Għandu jkun hemm Reġistratur Ġenerali ta' Bastimenti u Baħrin li jinħatar mill- Awtorità".

5. Fl-artikolu 372Ċ tiegħu minflok il-kliem "minn żmien għal żmien jistabbilixxi" għandhom jidħlu l-kliem "minn żmien għal żmien jistabbilixxi, u ekwivalwenzi differenti jistgħu jiġu stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti ta' dan l-Att jew għal disposizzjonijiet differenti f'regolamenti li jsiru taħt dan l-Att".

6. Fl-artikolu 374 tiegħu -

6.1 is-subartikoli (4), (5) u (6) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (5), (6) u (7) rispettivament; u

6.2 minnufih wara is-subartikolu (3) għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti sabiex jemenda, jissostitwixxi jew iħassar id-disposizzjonijiet kollha jew uħud minnhom tas-subartikoli (4) sa (8) tal-artikolu 3, u tal-artikoli 7, 10 sa 35, u tal-artikoli 84A sa 84Y ta' dan l-Att.".

Kodiċi Ċivili
Kap. 16.

Minflok l-artikolu 1996A tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"1996A. (1) Kreditur jista' legalment jgħaddi lil ħaddieħor, jipposponi, iħassar jew b'xi mod ieħor jimmodifika id-drittijiet eżistenti u tal-futur tal-ħlas tiegħu, infurzar, gradazzjoni u drittijiet oħra simili eżistenti jew tal-futur favur persuna oħra.

Dik is-subordinazzjoni, posponiment, tħassir, modifika jew azzjoni simili tkun tista' ssir bi ftehim ma' jew b'dikjarazzjoni unilaterali lil kull persuna, inkluż kreditur ieħor, sew jekk magħruf sew jekk għad irid ikun magħruf meta jibda jseħħ dak il-ftehim jew meta ssir dik id-dikjarazzjoni.

Il-kliem "kreditur" u "persuna" kif użati f'dan l-artikolu għandhom jinkludu klassi ta' kredituri jew klassi ta' persuni, skond ma jkun il-każ, sew jekk il-membri ta' xi waħda minn dawk il-klassijiet ikunu magħrufin sew jekk għad iridu jkunu magħrufin.

(2) Minkejja li d-dritt jista' jirriżulta minn kuntratt pubbliku, ikun reġistrat f'reġistru pubbliku jew ikun soġġett għal xi formalità oħra, kull ftehim jew dikjarazzjoni kif provdut dwarhom f'dan l-artikolu għandhom ikunu validi u jistgħu jiġu infurzati bejn il-partijiet rilevanti jekk ikunu saru bil-miktub mingħajr il-ħtieġa ta' ebda formalità jew reġistrazzjoni oħra:

Iżda dak il-ftehim jew dikjarazzjoni jistgħu jiġu reġistrati minn xi parti għal dak il-ftehim u minn min ikun għamel dik id-dikjarazzjoni -

(a) fir-reġistru tal-bastimenti merkantili permezz ta' annotazzjoni,

(b) fir-reġistru tal-inġenji tal-ajru permezz ta' annotazzjoni,

(ċ) fil-każijiet l-oħra kollha, fir-Reġistru Pubbliku permezz ta' nota u f'dak il-każ għandhom ikunu jseħħu fir-rigward ta' terzi.

(3) Dik is-subordinazzjoni, posponiment, tħassir, modifika jew azzjoni simili fir-rigward ta' drittijiet eżistenti jew tal-futur tista' tkun amministrata minn strument ta' kreditu li permezz tiegħu jkunu regolati d-drittijiet ta' persuni, inklużi kredituri jew debituri.

(4) Kull ftehim jew dikjarazzjoni kif imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ikun validu jew jista' jiġi infurzat skond il-pattijiet tiegħu, u m'għandux ikun effettwat mill-falliment ta' persuna li tkun marbuta bi, jew intitolata taħt, dak il-ftehim jew deċiżjoni unilaterali jew tad-debitur rilevanti.".

Att dwar iż-Żwieġ
Kap. 255.

Minflok il-kliem "f'ibħra internazzjonali abbord bastiment tal-passiġġieri reġistrat f'Malta" kull fejn dawn jinsabu fl-Att, għandhom jidħlu l-kliem "abbord vapur reġistrat Malta waqt li dan ma jkunx fl-ibħra internazjonali ta' xi pajjiż li ma jkunx Malta".

Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta
Kap. 334.

1. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 2 tiegħu -

1.1 it-tifsira "l-Atti dwar it-Taxxi" għandha titħassar;

1.2 it-tifsira "korp ta' persuni" għandha titħassar;

1.3 fit-tifsira "kumpannija b'liċenza" minflok il-kliem "l-artikolu 11" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 10";

1.4 minflok it-tifsira "liġijiet tas-sisa" għandu jidħol dan li ġej:

" "liġijiet tas-sisa" tfisser l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa;"

1.5 it-tifsira "persuna" għandha titħassar; u

1.6 it-tifsira "taxxa fuq l-*income*" għandha titħassar.

2. Fl-artikolu 3 tiegħu -

2.1 minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) L-arei ta' Malta kif murija fil-pjanta fl-Iskeda għandhom, għall-finijiet u l-iskopijiet kollha ta' dan l-Att u ta' kull liġi oħra, jikkostitwixxu żoni ta' Port Ħieles."; u

2.2 is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) l-ewwel proviso tiegħu għandu jitħassar;

(ii) fit-tieni proviso tiegħu l-kelma "wkoll" għandha titħassar; u

(iii) fit-tielet proviso fit-test Ingliż minflok il-kliem "Provided also" għandhom jidħlu l-kliem "Provided further".

3. Fl-artikolu 5 tiegħu -

3.1 is-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (b) tiegħu, il-kelma "u" għandha titħassar;

(ii) il-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (d); u

(iii) minnufih wara l-paragrafu (b) għandu jidħol il-paragrafu (ċ) ġdid li ġej:

"(ċ) Il-Ministru jista' b'avviż fil-Gazzetta -

(i) jinnomina lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta biex taġixxi bħala l-Awtorità,

(ii) jagħmel dawk l-ordnijiet, jagħti dawk id-direzzjonijiet u jagħmel dawk id-dispożizzjonijiet li jkunu jidhrulu hekk meħtieġa b'rabta ma' jew li jwasslu għal tmexxija aħjar ta', kull nomina bħal dik, u

(iii) jemenda, jissostitwixxi jew jirrevoka kull ordni, direzzjoni jew dispożizzjoni bħal dawk; u"; u

3.2 minflok is-subartikolu (6) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(6) (a) L-Awtorità għandha, mhux aktar tard minn sitt xhur wara t-tmiem ta' kull sena finanzjarja, tibgħat lill-Ministru u lill-Ministru reponsabbli għall-finanzi kopja tal-istqarrijiet finanzjarji awditati tagħha flimkien ma' kopja tar-rapport tal-uditur jew udituri dwar dawk l-istqarrijiet finanzjarji.

(b) L-Awtorità għandha, flimkien mal-istqarrijiet finanzjarji awditjati, tagħmel u tforni lill-Ministru rapport li jkun juri b'mod ġenerali l-attivitajiet tal-Awtorità matul is-sena finanzjarja u li jkun jinkludi dik l-informazzjoni li għandha x'taqsam mal-proċedimenti u l-linja ta' politika tal-Awtorità kif il-Ministru jista' minn żmien għal żmien jeħtieġ.

(ċ) Il-Ministru għandu jqiegħed kopja ta' kull rapport bħal dak fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati kemm jista' jkun prattikament malajr.".

4. Fl-artikolu 6 tiegħu -

4.1 is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minnufih wara l-kelma "talloka" fil-paragrafu (ċ) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "b'titolu ta' kera, konċessjoni jew titolu simili";

(ii) minflok l-ewwel proviso li hemm mal-paragrafu (ċ) għandu jidħol il-proviso li ġej:

"Iżda l-Awtorità ma tistax b'titolu ta' bejgħ, enfitewsi perpetwa jew enfitewsi temporanja għal żmien li jkun aktar, jew li jista' jsir mill-persuna li ssirilha l-konċessjoni li teċċedi, ħamsin sena, tittrasferixxi xi proprjetà immobbli li tkun ġewwa Port Ħieles:"; u

(iii) it-tieni proviso li hemm mal-paragrafu (ċ) għandu jitħassar.

4.2 Is-subartikoli (2) u (3) għandhom jitħassru.

5. Fl-artikolu 7 tiegħu l-kliem "għall-finijiet ta' l-artikolu 27" għandhom jitħassru.

6. Fl-artikolu 8 tiegħu -

6.1 minnufih wara l-kelma "Iżda" fil-proviso li hemm mas-subartikolu (1) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "bla preġudizzju għas-subartikolu (1) tal-artikolu 6,"; u

6.2 is-subartikoli (2) u (3) tiegħu għandhom jitħassru.

7. L-artikolu 9 tiegħu għandu jitħassar.

8. L-artikoli 10 sa 17 tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-artikoli 9 sa 16 rispettivament.

9. Fl-artikolu 13 tiegħu kif enumerat mill-ġdid -

9.1 fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "l-artikolu 11" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 10"; u

9.2 minflok is-subartikolu (4) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(4) L-Awtorità tista' tippermetti lil kull persuna, tkun min tkun, li tidħol u topera f'Port Ħieles, ukoll jekk dik il-persuna, għal xi raġuni jew oħra, ma tistax tkun kumpannija b'liċenza għall-finijiet tal-artikolu 10 ta' dan l-Att jekk, fil-fehma tal-Awtorità jkun utli, meħtieġ jew li jwassal għal żvilupp jew ffunzjonar aħjar ta' Port Ħieles li dik il-persuna titħalla tidħol u topera f'dak il-Port Ħieles.".

10. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 14 tiegħu kif enumerat mill-ġdid il-kliem "għall-finijiet ta' l-artikolu 24 u" għandhom jitħassru.

11. Fl-artikolu 16 tiegħu kif enumerat mill-ġdid -

11.1 fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "l-artikolu 11(1)" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 10(1)"; u

11.2 fil-proviso li hemm mas-subartikolu (6) tiegħu minflok il-kliem "l-artikolu 10" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 9".

12. L-artikoli 18, 19, 20, 20A, 21, 22, 23 u 24 tiegħu għandhom jitħassru.

13. L-artikoli 25 u 26 tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-artikoli 17 u 18 rispettivament.

14. L-artikolu 27 tiegħu għandu jitħassar.

15. L-artikoli 29 sa 35 tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-artikoli 20 sa 26 rispettivament.

16. Fl-artikolu 20 tiegħu kif enumerat mill-ġdid -

16.1 fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "l-artikolu 11" g?andhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 10";

16.2 fis-subartikolu (2) tiegħu minflok il-kliem "l-artikoli 8, 9, 10, 11 u 14" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikoli 8, 9, 10 u 13" u minflok il-kliem "l-artikolu 28" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 19"; u

16.3 fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (5) tiegħu minflok il-kliem "l-artikolu 12(2)" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 11(2)".

Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili
Kap. 232.

1. Fl-artikolu 2 tiegħu -

1.1 minnufih qabel it-tifsira "ċertifikat ta' operatur ta' l-ajru" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Awtorità" tfisser l-Awtorità għat-Trasport f'Malta kif imwaqqfa bl-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta;";

1.2. minflok it-tifira "Direttur" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Direttur Ġenerali" tfisser id-Direttur Ġenerali responsabbli mill-Avjazzjoni Ċivili f'Malta;";

1.3 fit-tifsira "Ministru", minflok il-kliem "għall-avjazzjoni ċivili" għandhom jidħlu l-kliem "għat-trasport";

1.4 minflok it-tifsira "Stat Membru" għandu jidħol dan li ġej:

" "Stat Membru" tfisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;";

1.5 it-tifsira "tariffa" għandha titħassar;

1.6 it-tifsira "it-Trattat" għandha titħassar;

1.7 minflok it-tifsira "Unjoni Ewropea" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Unjoni Ewropea" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar l-Unjoni Ewropea;"; u

1.8 is-subartikolu (2) għandu jitħassar.

2. Minflok l-artikolu 3 tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"Ħatra ta' Direttur Ġenerali għall-Avjazzjoni Ċivili.

3. (1) L-Awtorità għandha taħtar persuna biex tagħmilha ta' Direttur Ġenerali għall-Avjazzjoni Ċivili f'Malta.

(2) Id-Direttur Ġenerali għandu jimplimenta l-istrateġiji u l-objettivi tal-Awtorità u għandu jaġixxi skond il-linji ta' politika, strateġiji u direttivi tal-Awtorità.

(3) Id-Direttur Ġenerali jkun soġġett għal dawk id-direzzjonijiet, deċiżjonijiet u kontrolli oħra li l-Awtorità jew dawk l-uffiċjali maħtura tagħha jistgħu joħorġu minn żmien għal żmien u għandu jeżerċita dawk is-setgħat li jistgħu jingħatawlu b'liġi jew regolament jew mill-Awtorità.".

3. Fis-subartikolu (3) tal-artikolu 4 tiegħu, minflok il-kliem "erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87)" għandhom jidħlu l-kliem "ħames mitt euro (€500)".

4. Fl-artikolu 5 tiegħu -

4.1 fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37)" għandhom jidħlu l-kliem "elfejn u ħames mitt euro (€2,500)"; u

4.2 fis-subartikolu (3) tiegħu minflok il-kliem "bl-artikolu 3" għandhom jidħlu l-kliem "jew lill-Awtorità b'xi liġi jew regolament ieħor".

5. Fl-artikolu 7 tiegħu -

5.1 fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "fid-Direttur li għandu jagħti lil impriża tat-trasport bl-ajru dik il-liċenza meta huwa jkun" għandhom jidħlu l-kliem "fl-Awtorità li għandha tagħti lil impriża tat-trasport bl-ajru dik il-liċenza meta hija tkun";

5.2 fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "lid-Direttur" għandhom jidħlu l-kliem "lill-Awtorità".

5.3 fis-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "tad-Direttur" għandhom jidħlu l-kliem "tal-Awtorità".

5.4 fis-subartikolu (5) tiegħu, minflok il-kliem "Id-Direttur għandu biss jagħti" għandhom jidħlu l-kliem "L-Awtorità għandha biss tagħti";

5.5 fis-subartikolu (6) tiegħu, minflok il-kliem "mid-Direttur" għandhom jidħlu l-kliem "mill-Awtorità" u minflok il-kliem "d-Direttur jista' jeħtieġ sabiex ikun f'pożizzjoni li jaċċerta ruħu" għandhom jidħlu l-kliem "l-Awtorità tista' teħtieġ sabiex tkun f'pożizzjoni li taċċerta ruħha"; u

5.6 fis-subartikolu (7) tiegħu minflok il-kliem "id-Direttur għandu jara" għandhom jidħlu l-kliem "l-Awtorità għandha tara".

6. Fl-artikolu 8 tiegħu -

6.1 fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "id-Direttur ma jibqax aktar f'xi żmien sodisfatt" għandhom jidħlu l-kliem "l-Awtorità ma tibqax aktar f'xi żmien sodisfatta", u minflok il-kliem "id-Direttur għandu, skond ma jidhirlu li jkun xieraq fiċ-ċirkostanzi, jirrevoka, jissospendi jew jibdel" għandhom jidħlu l-kliem "l-Awtorità għandha, skont ma jidhrilha li jkun xieraq fiċ-ċirkostanzi, tirrevoka, tissospendi jew tibdel";

6.2 fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "id-Direttur ikun sodisfatt" għandhom jidħlu l-kliem "l-Awtorità tkun sodisfatta", u minflok il-kliem "huwa għandu jirrevoka" għandhom jidħlu l-kliem "hija għandha tirrevoka";

7. Fl-artikolu 9 tiegħu, minflok il-kliem "tal-Ministru" għandhom jidħlu l-kliem "tal-Awtorità".

8. Fl-artikolu 10 tiegħu -

8.1 fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75)" għandhom jidħlu l-kliem "erbat elef u ħames mitt euro (€4,500)"; u

8.2 fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "il-Ministru jkun jidhirlu" għandhom jidħlu l-kliem "l-Awtorità jkun jidhrilha", minflok il-kliem "il-Ministru jista' jieħu" għandhom jidħlu l-kliem "l-Awtorità tista' tieħu", u minflok il-kliem "biex iżomm dawk l-inġenji ta' l-ajru u jista' għal dan il-għan jordna" għandhom jidħlu l-kliem "biex iżżomm dawk l-inġenji tal-ajru u tista' għal dan il-għan tordna".

9. It-Taqsima III tiegħu għandha titħassar.

10. It-Taqsima IV tiegħu għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala t-Taqsima III.

11. L-artikoli 12, 13 u 14 tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-artikoli 11, 12 u 13 rispettivament.

12. It-Taqsima V tiegħu għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala t-Taqsima IV.

13. L-artikoli 15, 16 u 17 tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-artikoli 14, 15 u 16 rispettivament.

14. Fl-artikolu 15 tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "id-Direttur" għandhom jidħlu l-kliem "id-Direttur Ġenerali".

15. It-Taqsima VI tiegħu għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala t-Taqsima V.

16. L-artikoli 18 sa 22 tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-artikoli 17 sa 21 rispettivament.

17. Is-subartikoli (4) u (5) tal-artikolu 17 tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandhom jitħassru.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 140 tal-14 ta' Lulju, 2009.

LOUIS GALEA
Speaker

PAULINE ABELA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati